Skejjel Ewropej

Uffiċċju tas-Segretarju-Ġenerali

Ref.: 2006-D-492-mt-3

Oriġ.: MT

# SKEJJEL EWROPEJ MALTI Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji (Inklużi Nursery 2)

## APPROVAT MILL-BORD TA' TMEXXIJA TA' L-ISKEJJEL EWROPEJ F'THE HAGUE FIL-25 U S-26 TA' APRIL 2006

**Dħul fis-seħħ f'Settembru 2006.**

# SKEJJEL EWROPEJ

# MALTI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji (Inklużi Nursery 2)

# Kontenut

**Razzjonal** 3

**Il-Programm tal-Malti Nursery 2** 4

Miri ta' Tagħlim 6
Programm 10

**1 Sena**

Miri ta' Tagħlim 20
Programm 24

**2 Sena**

Miri ta' Tagħlim 34
Programm 39

**3Sena**

Miri ta' Tagħlim 49
Programm 53

**4 Sena**

Miri ta' Tagħlim 63
Programm 68

**5Sena**

Miri ta' Tagħlim 78
Programm 83

**Grammatika** 92

# RAZZJONAL

# IL-PROGRAMM TAL-MALTI

## Ghall-Iskejjel Primarji (Inklużi Nursery 2)

## Razzjonal

### Raġuni Fundamentali

Biex il-Malti jibqa' lingwa ħajja għandu jintgħallem bħala l-ilsien tal-komunikazzjoni mill-esperjenzi individwali ta' l-istudenti u f'kuntesti varji mislutin mill-ħajja ta' kuljum, speċjalment fl-ambjenti skolastiċi, familjari u soċjo-interattivi.

## Għanijiet Ġenerali

**L-għanijiet tat-tagħlim ta' l-ilsien Malti huma biex:**

- jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien ta' l-istudenti ħalli b'hekk jifhmu u jużaw l-ilsien Malti b'mod tajjeb.
- jgħin l-iżvilupp personali ta' l-istudenti permezz tal-lingwa, tal-letteratura u x-xejriet ta' l-identità nazzjonali.
- jiżviluppaw medda ta' attitudnijiet pożittivi lejn ilsienna u ilsna oħra.

**Biex dawn l-għanijiet jintlaħqu l-għalliema għandhom:**

- iqisu s-sillabu bħala proċess dinamiku mibni fuq esperjenzi mill-ħajja ta' kuljum.
- jipprovdu esperjenzi biex jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-komunikazzjoni u tal-ħsieb u li jħossu u jaħdmu permezz tal-lingwa.
- ilaqqgħu lill-istudenti mal-kotba u mal-letteratura bħala sors ta' dawn l-esperjenzi.
- permezz ta' dawn l-esperjenzi jwessgħu l-fehem ta' l-istudenti f'dik li hija n-natura, l-istruttura u l-konvenzjonijiet tal-lingwi.
- jgħinu lill-istudenti biex jiksbu kunfidenza u jieħdu gost ukoll fl-użu tagħhom tal-lingwa.
- jieħdu vantaġġ mill-qagħda multilingwa tagħna u joħolqu opportunitajiet biex jitkabbar l-għarfien dwar il-lingwi ta' l-iskejjel Ewropej
- jieħdu vantaġġ mill-kuntesti għanja ta' lingwi ipprovduti mill-iskejjel Ewropej,  il-kompjuters u d-drama.

# IT-TIENI SENA NURSERY

# MIRI TA’ TAGĦLIM GĦAT-TIENI SENA NURSERY

| 0.1 SMIGĦ | 0.2 TAĦDIT | 0.3 QARI | 0.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifa qasira u diretta, struzzjoni jew direzzjoni.** | **Jibda l-qari ta' kliem f'kuntest u bl-użu ta' stampi biex jiskopru l-ittri ta' l-alfabett.** | **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba fuq eżempji miktuba u abbinati ma' stampi assoċjati ma' l-ittri ta' l-alfabett.** |
| **0.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | **0.2.1** Iwasslu messaġġ jew aħbar. | **0.3.1** Jirrepetu f'rima u ritmu kliem f'kuntest u abbinat ma' stampi | **0.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' ittri u kliem. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u non-verbali. | Ifissru direzzjonijiet bi kliem sempliċi. | Jagħrfu u jlissnu kliem li jabbinaw ma' stampi. | Juru li jafu jaqbdu l-lapis sewwa bejn is-swaba' u li jżommuh sod. |
| Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu. | Jagħtu direzzjonijiet sempliċi kif wieħed jasal minn post għal ieħor. | Iqabblu kliem mismugħin u familjari ma' dak miktub. | Permezz tal-linji fil-pitazz jibdew iżommu kontroll fuq il-qies, il-proporzjon u l-ispazju. |
| **0.1.2** Joqogħdu attenti għal stejjer sempliċi, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama. | **0.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet sempliċi. | **0.3.2** Jagħrfu li l-kelma miktuba twassal tifsir. | **0.4.2** Iwasslu tifsir ta' kliem. |
| Iwieġbu mistoqsijiet sempliċi dwar dak li jkunu semgħu. | Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi. | Jagħrfu u jaqraw isimhom u kunjomhom. | Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom biex ifissru kliem. |
| Iqabblu stampi ma' testi/stejjer biex juru sekwenza | Jitkellmu b'sentenzi sempliċi dwar sekwenzi fi stampi. | Jagħrfu u jassoċjaw ċerta kitba ma' reklamar. | Juru li jifhmu t-tifsira minn tpinġija/grafika billi jiktbu l-ittra inizjali. |
| **Iżommu attenzjoni fuq kull kmand/struzzjoni fil-klassi, tislim u bażi ta' djalogu/ konversazzjoni.** | **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta' l-għalliema/a bil-għan li jagħtu sehemhom f'xi attività.** | **Jagħrfu l-grafika lingwistika u jifhmu l-messaġġi li jitwasslu minnha.** | **Jiktbu isimhom u kunjomhom.** |
| **0.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tiġi mill-istruzzjonijiet/mid-direzzjonijet fil-klassi billi jagħtu tweġib verbali jew non-verbali | **0.2.3** Jitkellmu u jibdlu fehemthom dwar logħob, ħruġ mal-familja u ġrajjiet fil-familja, fit-triq, fil-belt eċċ. | **0.3.3** Jaqraw u jfissru kull grafika lingwistika marbuta ma' l-ambjent. | **0.4.3** Jiktbu l-ewwel ittri ta' l-isem u l-kunjom b'ittri kapitali. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jisimgħu kull kmand u/jew struzzjoni u jitqanqlu biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Iwieġbu għal kull tislim jew xewqat verbali u mistoqsijiet u jagħrfu jirreċiprokaw. | | Jiktbu xi kliem li huma ta' użu komuni fil-ħajja ta' kuljum. |
| | | | Jiktbu xi sentenzi qosra. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tqanqil mill-Vokabularju** |
| **0.1.4** L-akkwist u t-tisħiħ tal-vokabularju għandhom jakkwistawh permezz tas-smigħ minn qari mill-għalliem/a: smigħ ta' stejjer, għanjiet, taqbiliet eċċ., permezz tal-medja u ikkomplimentati b'moviment u/jew ċaqliq tal-ġisem. | **0.2.4** Il-vokabularju li jakkwistaw permezz tas-smigħ għandhom jirrepetuh kontinwament f'kuntesti msejsin fuq ritmu u rima. | **0.3.4** Il-vokabularju mwassal bis-smigħ u mitkellem f'kuntesti ripetutament għandhom jużawh ukoll fil-qari: qari ta' sentenzi qosra, stejjer qosra, għanjiet u taqbiliet eċċ. | **0.4.4** Il-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra għandhom jużawh fil-kitba ta' sentenzi sempliċi. |
| | | **L-imġiba favur il-Qari.** | |
| | | **0.3.5** Juru għarfien tal-konvenzjoni tal-ktieb. | |
| | | **0.3.6** Jagħrfu u jħossu l-korrispondenza bejn il-ħoss (fonema) u s-simbolu (grafema). | |
| | | **0.3.7** Juru li jagħrfu numru ta' kliem f'kuntest mad-daqqa t'għajn. | |
| | | **0.3.8** Juru l-ħila tal-fehem meta jaqraw kotba sempliċi bil-għajnuna ta' l-għalliem/a. | |
| | | **0.3.9** Juru li jaslu biex jippruvaw jaqraw għal rashom**.** | |

| Attitudnijiet lejn it-tagħlim | Attitudnijiet lejn it-tagħlim | Attitudnijiet lejn it-tagħlim | Attitudnijiet lejn it-tagħlim |
|---|---|---|---|
| **0.1.5** Juru ħerqa lejn is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri t' episodji fil-medja viżiva. | **0.2.5** Juru l-ħerqa li jirrakkontaw storja fi kliemhom minn dawk li semgħu fi kliemhom. | **0.3.10** Juru l-ħerqa li jaqraw minn rajhom kotba, stejjer, għanjiet, taqbiliet. | **0.4.5** Juru ħerqa li jipproduċu tpinġijiet u wara kitbiet sempliċi u qsar dwar dak li jkunu qraw u semgħu. |
| **0.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet. | **0.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet. | **0.3.11** Juru l-preferenzi tagħhom dwar x'jogħġobhom jaqraw. | **0.4.6** Juru l-ħajriet tagħhom lejn il-kreattività imqanqlin minn dak li semgħu u qraw. |

# PROGRAMM
# GĦAT-TIENI SENA NURSERY

## 0.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
| --- | --- |
| **Jisimgħu testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | Stejjer sempliċi fejn karattri jingħataw struzzjonijiet u direzzjonijiet, inklużi ***Action Rhymes.*** |
| **0.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | Jidħol l-użu tal-Ktieb il-Kbir. L-attenzjoni tinġibed sew biċ-ċaqliq (lingwaġġ) tal-ġisem u l-espressjoni tal-wiċċ kif ukoll bit-tonalità tal-vuċi tal-qarrej. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u mhux verbali. | Jistgħu jwieġbu bil-kliem jew b'azzjoni. Jista' jsir użu minn taqbiliet li jħajru lit-tfal iwieġbu b'mod mhux verbali. |
| | |
| Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu. | Jipprattikaw dak li jkunu semgħu billi jeżerċitaw l-istruzzjonijiet mogħtija mill-għalliem/a. Hawn jidħol l-użu tat-***TPR (TOTAL PHYSICAL RESPONSE)*** |
| **Jisimgħu stejjer sempliċi, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama.** | |
| **0.1.2** Joqogħdu attenti għal stejjer sempliċi, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama. | Stejjer, għanjiet u taqbiliet fejn ir-repetizzjoni, ir-ritmu u r-rima għandhom ikunu l-qofol. Għandu jkun introdott l-użu ta' narratur (Story Teller) |
| Iwieġbu mistoqsijiet sempliċi dwar dak li jkunu semgħu. | Għalissa l-konċentrazzjoni għandha tkun fuq tweġibiet b'kelma waħda ġeneralment għal mistoqsijiet: ***Min? Fejn? Meta?*** Għandha ssir referenza għall-jiem tal-ġimgħa fil-kuntest ta' konversazzjoni u direzzjonijiet u l-użu tal-kliem: **illum, ilbieraħ, għada u tal-frażijiet fis-Sajf, fix-Xitwa.** |
| Iqabblu stampi ma' testi/stejjer biex juru sekwenza. | L-użu tal-Ktieb il-Kbir u prodotti għall-medja elettronika, kif ukoll illustrazzjonijiet grafiċi (żewġ jew tliet stampi abbinati mal-mistoqsija: **X'ġara l-ewwel)** li jorbtu m'ordni sekwenzjat. |
| **Jisimgħu kmand u struzzjonijiet fil-klassi, tislim u bażi ta' djalogi u konverżazzjoni.** | |
| **0.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tiġi mill-istruzzjonijiet/mid-direzzjonijiet billi jagħtu tweġib verbali u non-verbali. | Il-konċentrazzjoni għandha tkun fuq direzzjonijiet b'imperattivi komuni fil-ħajja ta' kuljum.(Ejja. Qum bil-wieqfa, Ġib il-kulur. eċċ. Wara jiżdiedu: Oħorġu l-ktieb. Ejjew ħdejja eċċ) |
| Jisimgħu kull kmand u/jew struzzjoni u jitqanqlu biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem | |

| | |
|---|---|
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **0.1.4** L-akkwist u t-tisħih tal-vokabularju għandhom jiġu permezz tas-smigħ minn qari mill-għalliem/a: qari ta' stejjer, għanjiet, taqbiliet eċċ u permezz tal-medja u ikkumplimentati b'movimenti u/jew ċaqliq (lingwaġġ) tal-ġisem. | Jitlaqqgħu ma' firxa wiesgħa ta' kliem mill-ħajja ta' kuljum b'mod funzjonali. Kull vokabularju għandu jitwassal f'kuntest u qatt iżolat. |
| **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** | |
| **0.1.5** Juru ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji filmati fil-medja viżiva. | Bil-mod il-mod jibnu repertorju ta' ġeneru ta' stejjer li jappellaw aktar minn oħrajn. |
| **0.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet eċċ. | |

## 0.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| | |
| **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifa qasira u diretta, struzzjoni jew direzzjoni** | |
| **0.2.1** Iwasslu messaġġ jew aħbar. | Jidraw iwasslu tagħrif u messaġġi qsar bħal: Ommi qaltli… Is-surmast irid… In-nannu mar … Il-qattusa… Pawlu … |
| Ifissru direzzjonijiet bi kliem sempliċi. | Juru li jafu jfissru direzzjoni bl-użu ta' ***ħdejn*** u ***fejn*** |
| Jagħtu direzzjonijiet sempliċi kif wieħed jasal minn post għal ieħor. | Mill-klassi għall-uffiċċju ta'…; mill-klassi għall-bitħa; Użu ta' mkejjen fid-dar: itla' fuq, inżel isfel, eċċ. |
| **0.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet sempliċi. | Mistoqsijiet dwar karattri minn stejjer; dwar annimali favoriti; dwar xi jħobbu jieklu u jixorbu eċċ; dwar il-qraba u x'jisimhom |
| Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi. | Jidraw jitolbu bl-użu ta' Jekk jogħġbok nista'…? Għandi bżonn… Nista' nieħu… ? Nista' mmur…? |
| Jitkellmu b'sentenzi sempliċi dwar sekwenzi fi stampi. | Waqt li jsegwu l-istampi, ikun tajjeb li jsiru mistoqsijiet biex jġħinuhom jaraw is-sekwenzi. |
| **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta' l-għalliem/a bil-għan li jagħtu sehemhom f'xi attivita`.** | Jistgħu jitkellmu fi grupp ta' tnejn jew aktar bl-iskop li jaqsmu l-esperjenzi dwar logħob, ġugarelli, xogħol bl-idejn eċċ. |
| **0.2.3** Jitkellmu u juru fehemthom dwar logħob, ħruġ mal-familja, u ġrajjiet fil-famija, fid-dar, fit-triq, fl-istaġuni tas-Sajf u tax-Xitwa. | Huwa importanti li jiżviluppaw djalogi biex aktar tissawwar l-interattivita` soċjali f'kull student/a. Jistgħu jagħtu kliemhom lil xi pupa jew ġugarell. |
| Iwieġbu għal kull tislim jew xewqat verbali u mistoqsijiet u jagħrfu jirreċiprokaw. | Kif inti? Tajjeb/Tajba grazzi. Saħħa. Bonġu. Il-lejl it-tajjeb. Jagħrfu jagħtu ukoll tweġibiet qsar: Jiena Dino. Għandi ħames snin. Għandi qattusa/kelb eċċ. |
| **Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **0.2.4** Il-vokabularju li jakkwistaw permezz tas-smigħ għandhom kontinwament jirrepetuh f'kuntesti msejsin fuq ritmu u rima. | Għandhom isiru konxji tal-binja sillabika permezz tal-ħoss. |

| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
|---|---|
| **0.2.5** Juru l-ħerqa li jirrakkontaw storja minn dawk li jkunu semgħu. | Bi xprunar (prompting), għandhom jingħataw kull opportunità li jirrakkontaw dwar ġrajjiet u stejjer li jiltaqgħu magħhom u fil-kuntest ta' l-immaġinazzjonijiet tat-tfulija. |
| **0.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet u testi ta' drama. | Jitħallew jistqarru liema ġeneru jogħġobhom l-aktar. Wieħed għandu jinkoraġġihom jirreċtaw testi drammatiżżati u fuq kollox jitkellmu u jkantaw quddiem mikrofonu. |

# 0.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| | |
| **Jibda l-qari ta' kliem f'kuntest u bl-użu ta' stampi biex jiskopru l-ittri ta' l-alfabet.** | |
| **0.3.1** Jirrepetu f'ritmu u rima kliem f'kuntest u abbinati ma' stampi. | Għandhom jingħataw kull okkażjoni biex iħossu r-rima fi vrus alternati permezz tal-ħoss u mqanqal mill-fehem,. **(ħin ma' tin u fin eċċ; sar ma' tar u mar eċċ; ħajja ma' bajja)** |
| Jagħrfu u jlissnu kliem li jabbinaw ma' stampi. | Din dar; Dan bir, Dan sur; Din tina; Din mejda eċċ |
| Iqabblu kliem mismugħin u familjari ma' dak miktub. | Dan / Dan kelb. / Dan kelb sufi. / Dan kelb sufi ħelu. / Dan kelb sufi, ħelu u kbir.<br>Dan / Dan il-kelb. / Dan il-kelb sufi. / Dan il-kelb sufi u ħelu.<br>Din / Din kelba. / Din kelba ħelwa. / Din kelba ħelwa u mansa.<br>eċċ, eċċ, eċċ. |
| **0.3.2** Jagħrfu li l-kelma miktuba twassal tifsir. | Jitħarrġu kemm permezz ta' stampi biex jaqraw tifsir ta' azzjonijiet kif ukoll permezz ta' kliem abbinati ma' movimenti/ċaqliq tal-ġisem. (jiġri/tiġri/jiġru; jikteb/tikteb/jiktbu; raqad/raqdet/raqdu; jimxi/timxi/nimxu eċċ) |
| Jagħrfu u jaqraw isimhom u kunjomhom. | L-ismijiet kollha tat-tfal fil-klassi għandhom ikunu miktubin b'tipi kbar sew fuq kartonċina u mħollijin fid-diher biex gradwalment kull student/a ikollu/jkollha konoxxenza t'ismijiet varji u l-ortografija tagħhom. Għandhom isiru familjari mal-kelma ISEM(direttiva) fuq pitazz/ktieb eċċ u jidraw ukoll iqassmu pitazzi u oġġetti oħra bl-ismijiet fuqhom. Għandu jidħol l-użu tal-mistoqsijiet **'Min?'** u **'Ta' min hu/hi?'** |
| . | |
| **Jagħrfu u jaqraw il-grafika lingwistika u jifhmu l-messaġġi li jitwasslu minnha.** | |

| | |
|---|---|
| **Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **0.3.3** Il-vokabularju mwassal bis-smigħ u mitkellem f'kuntesti ripetutament għandhom jużawh ukoll fil-qari ta' sentenzi qosra, stejjer qosra, għanjiet u taqbiliet. | M'għandhiex tonqos kull inizjattiva ta' taħriġ fil-qari li tikkonsolida dak kollu mwassal permezz tas-smigħ u ipprattikat bit-taħdit. Il-qari jissaħħaħ ukoll permezz ta' 'cards' miktubin apposta. |
| **L-Imġiba Favur il-Qari** | |
| **0.3.4** Juru għarfien tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Wieħed irid jisħaq li l-istudenti jkunu jafu t-titlu tal-ktieb, isem l-awtur, il-qoxra tal-ktieb bit-titlu u bl-isem ta' l-awtur, u s-sekwenza tal-paġni, u kull illustrazzjoni relatata mat-test. |
| **0.3.5** Jagħrfu u jħossu l-korrispondenza bejn il-ħoss (fonema) u s-simbolu (grafema). | Għandha ssir enfasi biex kull simbolu relatat mal-ħoss ikun imwassal permezz ta' grafika rilevanti biex jissaħħah it-tagħlim. (Ittra-Ħoss-Stampa → b → (ħoss) → ballun |
| **0.3.6** Juru li jagħrfu numru ta' kliem f'kuntest mad-daqqa t'għajn. | Isir qari tal-kliem marbutin ma' temi partikulari u li jkunu meħudin mill-ħajja ta' kuljum u mill-esperjenzi ta' l-istess qari. |
| **0.3.7** Juru l-ħila tal-fehem meta jaqraw kotba sempliċi bil-għajnuna ta' l-għalliem/a. | Permezz ta' mistoqsijiet l-għalliema għandhom jisiltu mingħand l-istudenti sunt/apprezzament fil-qosor ta' dak li jkun inqara. |
| **0.3.8** Juru li jaslu biex jippruvaw jaqraw għal rashom. | Fil-klassi għandu jkun hemm għażla ta' kotba/letteratura addatata għal-livelli u ħtiġiet partikulari biex it-tfal jagħmlu l-għażla skond il-gosti u x-xewqat tagħhom. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **0.3.9** Juru l-ħerqa/t-tqanqil li jaqraw minn rajhom kotba, stejjer, għanjiet, taqbiliet. | Għandu jinħoloq kull spazju fil-klassi u barra minnha (anke fil-laqgħat ta' filgħodu) fejn it-tfal jingħataw l-opportunità li jaqraw xi siltiet li jogħġbuhom.. |
| **0.3.10** Juru l-preferenzi tagħhom dwar x' jaqraw. | |

## 0.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| | |
| **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba fuq eżempji miktuba u abbinati ma' stampi assoċjati ma' l-ittri ta' l-alfabett.** | |
| **0.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' ittri u kliem. | Jiktbu ittri ta' l-alfabett u kliem sħiħ abbinati ma' stampi. Wara jingħataw kliem f'sillabi. |
| Juru li jafu jaqbdu l-lapis sewwa bejn is-swaba' u li jżommuh sod. | Għandu jsir taħriġ fuq il-qabda sewwa tal-lapis u tal-posizzjoni tal-ġisem bil-qiegħda speċjalment kif l-id għandha tkun imserrħa ma' wiċċ il-mejda, id-dahar vertikalment (90 grad) ma' dahar is-siġġu u r-riġlejn vertikalment (90 grad) ma' l-art. |
| Permezz tal-linji fil-pitazz jibdew iżommu kontroll fuq il-qies, il-proporzjon u l-ispazju. | Taħriġ f'dan is-sens għandu jwassal għall-kontroll, għall-organizzazzjoni u għall-preżentazzjoni. Jibdew jiktbu l-ewwel l-ittri ż-żgħar. |
| **0.4.2** Iwasslu tifsir ta' kliem. | |
| Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom biex ifissru kliem. | Il-vokabularju akkwistat s'issa għandu jqanqal il-fehem biex issa l-istudenti jagħrfu jesprimu bi tpinġija l-immaġnijiet mentali mqanqla minn ittri, kliem, frażijiet u sentenzi. |
| Juru li jifhmu t-tifsira minn tpinġija/grafika billi jiktbu l-ittra inizjali. | Il-grafika/it-tpinġija issa għandha tqanqal aktar il-vokabularju akkwistat.Dan għandu jiġi espress aktar f'kitba ta' ittri. |
| **Jiktbu isimhom u kunjomhom.** | |
| **0.4.3** Jiktbu l-ewwel ittri ta' l-isem u kunjom b'ittri kapitali. | Dan għandu jkun l-ewwel pass lejn l-għarfien tal-punteġġjatura. |
| Jiktbu xi kliem li huma ta' użu komuni fil-ħajja ta' kuljum. | Inwasslu lit-tfal jiktbu mill-kuntesti fil-ħajja ta' kuljum skond il-livell ta' ħila..<br>Dan pakkett. Dan ħalib. Dan pakkett ħalib. Dan ħalib frisk.<br>Ġib pakkett. Ġib pakkett ħalib. Ġib pakkett ħalib frisk. |
| Jiktbu xi sentenzi qosra. | Għall-bidu għandha ssir traskrizzjoni (ikkupjar) u gradwalment l-istudenti jitħeġġu jdaħħlu kliem nieqes. Wara jiktbu xi sentenzi minn rajhom anke stimulati minn stampi mill-Ktieb il-Kbir. Għandha ssir enfasi fuq il-punteġġjatura fir-rigward tas-sentenza: l-ittra kapitali fil-bidu u l-punt ( full stop). |

| | |
|---|---|
| **Tqanqil mill-Vokabularju** | |
| **0.4.4 Il-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra għandhom jużawh f'kitba ta' sentenzi sempliċi.** | Għandu jkun ippreparat/ippreżentat kull mezz li jqanqal il-kreattività. Jinħolqu opportunitajiet ta' logħob bil-kliem, per eżempju, kliem minn anagrammi (traka = karta) u għarfien ta' palindromi (ara, ili, Anna, Alla). |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **0.4.5** Juru ħerqa li jipproduċu tpinġijiet u wara kitbiet sempliċi u qsar dwar dak li qraw, raw u semgħu. | Għandu jingħata kull spazju fiżiku fil-klassi u barra minnha biex l-espressjoni kreattiva ta' l-istudenti titpoġġa għall-wiri biex (i) tkun apprezzata minn kulħadd; (ii) u permezz ta' hekk il-wiri jservi ta' tqanqil għall-oħrajn; (iii) u fuq kollox jibda dieħel sens ta' sodisfazzjon u ta' inizjattiva f'dawk li għamlu x-xogħol. Dan ikun turija ta' proċess demokratiku. |
| **0.4.6** Juru l-ħajriet tagħhom lejn il-kreattività. | |

# L-EWWEL SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦALL-EWWEL SENA

| 1.1 SMIGĦ | 1.2 TAĦDIT | 1.3 QARI | 1.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni testi qosra li jkun fihom aktar minn aspett wieħed ta' tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu u jagħtu dettalji li jkunu ħadu direttament minn tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jaqraw kliem, sentenzi u stejjer qosra.** | **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba b'sentenzi bis-sens u li juru binja sintattika sempliċi.** |
| **1.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | **1.2.1** Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu f'taħdit quddiem udjenza/i. | **1.3.1** Jaqraw kliem, sentenzi, stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex iqabblu s-simboli tal-kelma miktuba mal-binja fonika.. | **1.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' sentenzi qsar. |
| Juru li fehmu t-testi li semgħu u li jagħrfu jipprevedu x'ġej minn sekwenzi li jkunu semgħu. | Iwasslu fi kliemhom il-messaġġi li jisiltu mit-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ġabru mis-smigħ. | Juru l-ħila li jassoċjaw u jqabblu l-kelma miktuba ma' dik mismugħa/mitkellma. | Juru li jafu l-punteġġjatura fil-bidu u fl-aħħar tas-sentenza. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u non-verbali għall-mistoqsijiet magħmula dwar dak li semgħu. | | Juru li għandhom il-ħila jaqraw kliem u sentenzi sempliċi f'kuntesti ta' stejjer. | Juru li jafu jiktbu b'koerenza sentenzi sħaħ. |
| | Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu. | Juru li jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi ta' ġeneri varji quddiem udjenza/i. | Juru li jafu jsenslu grupp ta' sentenzi fejn juru assoċjazzjoni ta' ideat u sekwenza. |
| | | Juru li f'kuntest ta' storja jagħrfu r-rwol/i ta' karattru/i u jaslu biex jagħtu tonalità lid-diskors fid-djalogi. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.1.2** Juru l-ħila li jqabblu stampi/grafika ma' testi/stejjer fejn juru li fehmu l-assoċjazzjoni ta' l-ideat u s-sekwenza. | **1.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti u oħrajn infernzjali ħfief. | **1.3.2** Jagħrfu li mill-kelma miktuba f'kuntest hemm tifsir dirett u indirett. | **1.4.2** Iwasslu tifsir minn kliem, sentenzi u stejjer qosra. |
| Juru l-ħila li jsegwu b'konċentrazzjoni testi irrimati f'taqbiliet, għanjiet u poeżiji. | Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti dwar testi li jkunu semgħu. | Juru l-ħila li jagħtu sunt/tifsira ta' dak li jkunu qraw megħjuna minn mistoqsijiet. | Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom sitwazzjonijet sempliċi mqanqla minn stejjer u avvenimenti li jkunu semgħu qraw jew esperjenzaw. |
| Juru l-ħila li jagħtu kliem nieqes li jirrima fil-versi mismugħa. | Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti fil-kuntest tal-ħajja ta' kuljum. | Jagħrfu jaqraw partijiet mit-test biex iwieġbu mistoqsijiet relatati. | Juru li jafu jiktbu sentenzi qsar imqanqla minn tpinġija/grafika abbinati ma' storja. |
| | Iwieġbu għal mistoqsijiet anqas diretti (inferenzjali) fil-kompetenza u fil-livell tagħhom. | | |
| | Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi u kull għajnuna oħra meħtieġa. | | |
| **Iżommu attenzjoni u konċentrazzjoni fuq kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrifa mogħtija fil-klassi, fuq kull tislim u kull djalogu.** | **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta' l-għalliem/a bil-għan li juru fehemthom dwar tema.** | | **Jiktbu sentenzi fejn mhux biss jiktbu isimhom u kunjomhom iżda ismijiet oħrajn.** |
| **1.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tinkiseb fil-klassi billi jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif. | **1.2.3** Jitkellmu dwar dak li jogħġobhom/ma jogħġobhomx fil-kuntest skolastiku. | **1.3.3** Jagħrfu jaqraw u jfissru l-fehem ta' messaġġi imwassla minn sinjali fit-toroq, tabelli u avviżi pubbliċi li jkunu esposti għalihom. | **1.4.3** Jiktbu l-ismijiet tal-membri tal-familja abbinati ma' l-omm, il-missier, l-aħwa u n-nanniet. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Fi gruppi jisimgħu lil xulxin jitkellmu dwar temi fejn individwalment jagħtu fehemthom. | Jaqraw tipi ta' inviti varji, messaġġi f'kartolini u f'avvizi u li juru l-ħila li jagħtu sunt fi kliemhom. | Jiktbu dettalji qsar fuq inviti ippreparati bħala taħriġ. |
| | Waqt kull diskussjoni u/jew konversazzjoni jagħmlu mistoqsijiet rilevanti mat-tema. | | Jiktbu sentenzi qsar li jidentifikaw familjari u ħbieb. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tisħih tal-Vokabularju** | **It-Tqanqil mill-Vokabularju** |
| **1.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | **1.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijet dwar testi kemm mismugħa kif ukoll dwar ġrajjiet fil-ħajja ta' kuljum. | **1.3.4** Il-vokabularju jissaħħaħ aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji wkoll. | **1.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-studenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** |
| **1.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji mill-medja viziva u films. | **1.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu jew segwew. | **1.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | **1.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat żgħar ta' sentenzi dwar dak li semgħu jew qraw. |
| **1.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | **1.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom u jiddiskutuhom. | **1.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom u juru li jafu jagħtu sunt verbalment ta' dak li qraw. | **1.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' ftit sentenzi f'sekwenza. |

# PROGRAMM

# GĦALL-EWWEL SENA

## 1.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni testi qosra li jkun fihom aktar minn aspett wieħed ta' tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | Għandhom jitlaqqgħu ma' testi, stejjer, djalogi, drama sempliċi fejn jitqanqal l-interess li jkun il-kumulu ta' l-attenzjoni u l-konċentrazzjoni. |
| **1.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | Isir użu ta' narratur (Story Teller) għal rakkontar. |
| Juru li fehmu t-testi li semgħu u li jagħrfu jipprevedu x'ġej minn sekwenzi li jkunu semgħu. | Waqt l-andament ta' l-eżerċizzji tas-smigħ wieħed għandu jieqaf u jistaqsi lill-istudenti biex jipprevedu x'jista jkun ġej. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u non-verbali għall-mistoqsijiet magħmula dwar dak li semgħu. | Għandhom jingħataw kull opportunità li juru l-fehem billi jsirulhom mistoqsijiet. |
| **1.1.2** Juru l-ħila li jqabblu stampi/grafika ma' testi/stejjer fejn juru li fehmu l-assoċjazzjoni ta' l-ideat u s-sekwenza. | L-iskop ta' l-użu ta' l-istampi huwa biex jitkejjel il-fehem u l-qabda mill-istudenti tas-sekwenza ta' l-ideat. |
| Juru l-ħila li jsegwu b'konċentrazzjoni testi irrimati f'taqbiliet, għanjiet u poeżiji. | Għandhom jintalbu jkomplu xi vers/versi wara ħafna ripetizzjonijiet. |
| Juru l-ħila li jagħtu kliem nieqes li jirrima fil-versi mismugħa. | Għandhom jingħataw versi biex jitkomplew bir-rima billi tiddaħħal il-kelma nieqsa. |
| **Iżommu attenzjoni u konċentrazzjoni fuq kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif mogħtija fil-klassi, fuq kull tislim u kull djalogu.** | L-attenzjoni u l-konċentrazzjoni ta' l-istudenti fuq struzzjoni, direzzjoni u tagħrif titkejjel mir-riżultati fuq l-imġiba u mill-ħidma posittiva fil-klassi. |
| **1.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tinkiseb fil-klassi billi jsegwu kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif. | Issir enfasi fuq attivitajiet/movimenti/taħriġiet biex bla tbatija l-istudenti jidħlu fir-rutina u fl-organizzazzjoni u l-ordni fil-klassi. |
| Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Ħabbat mal-bieb. Iftaħ it-tieqa. Dan ix-xogħol għal għada. Mur bil-qiegħda. Għolli subgħajk. Għada ġibu ħames ċenteżmi. Iftħu l-ktieb tal-Malti. Sibu paġna… Ġorġ ibda aqra. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **1.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti individwalment, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | |

| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
|---|---|
| **1.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | Fl-ambjent tal-librerija kemm fil-klassi, fl-iskola u barra ukoll għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ ta' testi biex isawru l-imħabba lejn ġeneri ta' letteratura. |
| **1.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | |

# 1.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jitkellmu u jagħtu dettalji li jkunu ħadu direttament minn tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | |
| **1.2.1** Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu f'taħdit quddiem udjenza/i. | Jingħataw kull opportunità biex jitkellmu dwar dak li jkunu semgħu. Jagħtu kemm kummenti kif ukoll sunti verbali fuq punti importanti. |
| Iwasslu fi kliemhom il-messaġġi li jisiltu mit-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ġabru mis-smigħ. | Wieħed jisħaq biex it-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu nagħtaw iwassluhom lil ħaddieħor b'diskors indirett bl-użu ta': Qal, Qalet, Qalu, Qallek, Qaltlek, Qalli, Qaltli, Qalilna, Qaltilna, eċċ. **Eż:** Qalli biex immur… Qaltli biex niġbor… Qalet li sejra… **Dawn għandhom ikunu dejjem xprunati minn mistoqsijet.** |
| Jirrepetu taqbiliet, għanjiet u poeżiji mill-memorja. | Hija importanti r-ripetizzjoni għall-akkwist ta' vokabularju u l-ħażna ta' ideat u ta' għerf. Jingħadu jew jitkomplew mill-memorja versi jew partijiet minnhom biex it-tfal juru li jħossu r-r-ritmu u r-rima. |
| Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu. | Wieħed jisħaq li t-tfal jagħtu sunti fi kliemhom dwar testi mismugħa. |
| **1.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti u oħrajn inferenzjali ħfief. | Hawn għandu jidħol gradwalment taħriġ il-fehem mis-smigħ |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti dwar testi li jkunu semgħu. | |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti fil-kuntest tal-ħajja ta' kuljum. | Jitqanqal it-taħdit fuq mistoqsijiet bħal: **Min? Fejn? Meta? X'ġara?** biex it-tfal jibdew jirrakkontaw l-esperjenzi. |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet anqas diretti (inferenzjali) fil-kompetenza u fil-livell tagħhom. | Iwieġbu għal mistoqsijiet ta' xeħta inferenzjali ħalli jitwessa' l-livell ta' fehem. |
| Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi u għal kull għajnuna oħra meħtieġa. | Bħal ta' Nursery 2 |

| | |
|---|---|
| **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta' l-għalliem/a bil-għan li juru fehemthom dwar tema.** | |
| **1.2.3** Jitkellmu dwar dak li jogħġobhom/ma jogħġobhomx fil-kuntest skolastiku. | Permezz ta' mistoqsijiet diretti l-għalliema jinizjaw diskussjoni fuq temi sempliċi li jirrigwardjaw il-klassi u l-iskola. |
| Fi gruppi jisimgħu lil xulxin jitkellmu dwar temi fejn individwalment jagħtu fehemthom individwalment. | Jagħtu fehemthom dwar l-esperjenzi tagħhom fl-ambjent tal-familja, ħruġ, logħob, eċċ. |
| Waqt kull diskussjoni u/jew konversazzjoni jagħmlu mistoqsijiet rilevanti mat-tema. | Jitħeġġu biex huma stess jagħmlu mistoqsijiet diretti u relevanti mat-tema. |
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **1.2.4** Juru li dak li jisimgħu ikunu kapaċi jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Juru li jafu jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijiet dwar testi mismugħa kif ukoll dwar ġrajjiet fil-ħajja ta' kuljum. | Fil-klassi minn bikri filgħodu jitħallew jirrepetu sew dak li jkun intgħallem kif ukoll jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa li hija ta' esperjenza għalihom. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **1.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu jew segwew. | Jitħeġġu jitkellmu quddiem udjenza/i u anke jitħarrġu biex joqogħdu għal xi intervista/i. |
| **1.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom u jiddiskutuhom. | |

## 1.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jaqraw kliem, sentenzi u stejjer qosra biex aktar jiskopru l-ittri ta' l-alfabett.** | **Il-qari għandu jsir fi gruppi, bħala klassi sħiħa u individwalment. Wieħed għandu jisħaq fuq Qari Silenzjuż Strutturat *(Structured Silent Reading*).** |
| **1.3.1** Jaqraw kliem, sentenzi, stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex iqabblu s-simboli tal-kelma miktuba mal-binja fonika. | Wieħed irid iwasssal lill-istudenti biex jakkwistaw il-ħila li jqabblu sew is-simboli grafiċi tal-kliem miktub mal-ħsejjes fil-binja tal-kliem mitkellem**.** |
| Juru l-ħila li jassoċjaw u jqabblu l-kelma miktuba ma' dik mismugħa/mitkellma. | Għall-ewwel dan għandu jsir permezz ta' stampi abbinati ma' sentenzi qsar, anke f'sekwenzi. Dawn jgħinu kemm il-qari kif ukoll il-fehem. |
| Juru li għandhom il-ħila jaqraw kliem u sentenzi sempliċi f'kuntesti ta' stejjer. | |
| Juru li jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi ta' ġeneri varji quddiem udjenza/i. | L-għalliema jgħinu biex l-istudenti jakkwistaw ritmu, elokwenza u sens fil-qari billi jaqrawlhom u jirrepetulhom testi bħala mudelli. It-tfal jitħallew jaqraw quddiem sħabhom fil-klassi u fil-laqgħat ta' filgħodu kull xorta ta' qari anke dak miktub minnhom. |
| Juru li f'kuntest ta' storja jagħrfu r-rwol/i ta' karattru/i u jaslu biex jagħtu tonalità lid-diskors fid-djalogi. | Jingħataw kull opportunità ta' reċtar fi rwoli ta' karattri f'testi ta' drama. |
| **1.3.2** Jagħrfu li mill-kelma miktuba f'kuntest hemm tifsir dirett u indirett. | Permezz ta' mistoqsijiet diretti u ta' xejra inferenzjali wieħed għandu jislet tifsir ta' kliem u frażijiet mill-kuntest. |
| Juru l-ħila li jagħtu sunt/tifsira ta' dak li jkunu qraw megħjuna minn mistoqsijiet. | Il-mistoqsijiet għandhom ikunu l-aktar mezz qawwi biex jinstilet il-fehem. |
| Jagħrfu jaqraw partijiet mit-test biex iwieġbu mistoqsijiet relatati. | Jitħarrġu sewwa biex mad-daqqa t'għajn ikunu jafu jsibu partijiet minn test li jkunu relevanti mal-mistoqsijiet. |

| | |
|---|---|
| **It-Tisħih tal-Vokabularju** | |
| **1.3.3** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | Aktar ma jinħolqulhom opportunitajiet ta' qari, spazji biex jesprimu ruħhom dwar dak li qraw, semgħu jew esperjenzaw, aktar hemm lok għal tisħiħ tal-vokabularju. Il-kuntesti li joħolqu huma stess jiswew mitqilhom deheb. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **1.3.4** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | L-għalliema għandhom jintroduċu lill-istudenti ma' l-ambjent tal-librerija fil-klassi u ma' dik fl-iskola. |
| **1.3.5** Juru l-preferenzi tagħhom u juru li jafu jagħtu sunt verbalment ta' dak li qraw. | Għandhom jitħallew jesprimu ruħhom dwar għażliet ta' kotba, iżda jfittxu l-gwida ta' l-għalliema tagħhom. |
| **L-Imġiba favur il-Qari** | |
| **1.3.6** Juru aktar għarfien tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Ikunu jafu t-titlu, l-awtur, il-werrej u l-użu tiegħu. |
| Juru li għandhom gosti għal ġeneri partikolari ta' letteratura. | |
| Jagħrfu li l-libreriji fil-klassi, fl-iskola u fil-belt jew fir-raħal huma sorsi ta' taħjir għall-qari u għall-kitba. | |

# 1.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba b'sentenzi bis-sens u li juru binja sintattika sempliċi.** | |
| **1.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' sentenzi qsar. | Għandha ssir enfasi fuq il-binja sintattika sempliċi. Jiktbu dwarhom infushom, il-familjari, l-annimali, il-ġugarelli u xi avvenimenti li jolqtuhom mill-qrib. Għandu jsir użu mill-pronomi Jien/a, Int/i, Aħna, u d-dimostrativi Din, Dan, Dawn, Dik, Dak, Dawk.<br>Jiena tifla. Jisimni Marta. Niġi l-iskola. Din l-iskola.<br>Jisimni Marko. Jiena ħabib ta' Marta. Niġi l-iskola. Din il-klassi. |
| Juru li jafu l-punteġġjatura fil-bidu u fl-aħħar tas-sentenza. | |
| Juru li jafu jiktbu b'koerenza sentenzi sħaħ. | |
| Juru li jafu jsenslu grupp ta' sentenzi qsar fejn juru assoċjazzjoni ta' ideat u sekwenza. | Jitħeġġu jiktbu żewġ jew tliet sentenzi fuq temi bħal t'hawn fuq/taħt anke bi stampa magħhom.<br>**Il-papà jismu Frans. Il-papà raġel twil. Il-papà jħobb il-ħelu. Dan il-kelb sufi. Jismu Rex. Iħobb il-laħam.** |
| **1.4.2** Iwasslu tifsir minn kliem, sentenzi u stejjer qosra. | |
| Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom sitwazzjonijet sempliċi mqanqla minn stejjer u avvenimenti li jkunu semgħu jew qraw. | Jitħeġġu joħolqu Tesawru bi stampi, kliem u frazijiet u fuq kollox b'sentenzi qsar. Jista' jinbena fuq TEMI jew f'ordni alfabetiku f'paġni. Titħalla d-diskrezzjoni ta' l-għalliema. |
| Juru li jafu jiktbu sentenzi qsar imqanqla minn tpinġija/grafika abbinati ma' storja. | |
| **Jiktbu sentenzi mhux biss fejn idaħħlu isimhom u kunjomhom, iżda ismijiet oħrajn.** | Barra milli jiktbu fil-qosor għandhom jitħarrġu fit-traskrizzjoni u ikkupjar ta' ismijiet. |
| **1.4.3** Jiktbu l-ismijiet tal-membri tal-familja abbinati ma' l-omm, il-missier, l-aħwa u n-nanniet. | Bir-ritratti jistgħu joħolqu album tal-familjari u jiktbu taħt**:**<br>**In-nanna Gerit. In-nannu Ġann. Ħija Stefan. Oħti Anna. Ommi Marta. Missieri Fredu. Iz-ziju Leli. Iz-zija Marì.** |
| Jiktbu dettalji qsar fuq inviti u kartolini ippreparati bħala taħriġ. | **Fuq inviti jdaħħlu l-ismijiet tal-mistednin. Fuq kartolini jiktbu xewqat għal: Jum l-Omm/Jum il-Missier, Milied, eċċ.** |
| Jiktbu sentenzi qsar li jidentifikaw familjari u ħbieb. | Pawlu Fava marid. Anna Cassar tiġri. Frans Borg jikteb.<br>In-nannu Pawlu ċempel. Iz-zija Tona waslet. |

| | |
|---|---|
| **It-Tqanqil mill-Vokabularju** | |
| **1.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-istudenti għandhom juru l-ħila li jafu jesprimu ruħhom, l-ewwel fuq mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. | Għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, għall-bidu fuq mistoqsijiet li jiggwidawhom u permezz ta' stampi, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni. |
| **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** | |
| **1.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat żgħar ta' sentenzi dwar dak li semgħu jew qraw. | . |
| **1.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' ftit sentenzi f'sekwenza. | B'sens ta' ekwita` għandu jingħata kull spazju fiżiku fil-klassi u barra minnha biex kull espressjoni kreattiva ta' l-istudenti titpoġġa għall-wiri biex (i) tkun apprezzata minn kulħadd; (ii) u permezz ta' hekk il-wiri jservi ta' tqanqil għall-oħrajn; (iii) u fuq kollox jibda dieħel sens ta' sodisfazzjon u ta' inizjattiva f'dawk li għamlu x-xogħol. Għandha tingħata kull għajnuna biex ħadd ma jitħalla barra. |

# IT-TIENI SENA

# MIRI TA’ TAGĦLIM

# GĦAT-TIENI SENA

| 2.1 SMIGĦ | 2.2 TAĦDIT | 2.3 QARI | 2.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni testi qosra li jkun fihom aktar minn aspett wieħed ta' tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifiet qosra u diretti, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jaqraw testi/stejjer/kotba bil-għajnuna ta' l-għalliema kemm mill-kotba tal-klassi kif ukoll minn oħrajn ta' qari għal gost u juru l-fehem fuq dak li jkunu qraw.** | **Jiktbu kliem, frażijiet, sentenzi u paragrafi għal għadd ta' skopijiet prattiċi.** |
| **2.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | **2.2.1** Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu f'taħdit quddiem udjenza/i. | **2.3.1** Jaqraw stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex mhux biss jiskopru l-alfabett, iżda biex, permezz tal-kuntest, jitlaqqgħu ma' prattiċi fl-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. | **2.4.1** Jiktbu kliem, frażijiet u sentenzi relatati ma' stampi anke bi skop ta' tisħiħ fit-tagħlim tal-grammatika. |
| Juru li fehmu t-testi li semgħu u li jagħrfu jipprevedu x'ġej minn sekwenzi li jkunu semgħu. | Iwasslu fi kliemhom il-messaġġi li jisiltu mit-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ġabru mis-smigħ. | Juru li għandhom qabda fuq il-qari espressiv permezz tat-tonalità u d-dizzjoni. | Jiktbu sentenzi għall-bidu, imbagħad paragrafu bi ftit sentenzi, fejn jesponu xi esperjenza personali. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u non-verbali għall-mistoqsijiet magħmula dwar dak li semgħu. | Jirrepetu taqbiliet, għanjiet u poeżiji mill-memorja. | Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi magħrufa u oħrajn mhumiex, quddiem udjenza/i. | Jiktbu kontinwazzjonijiet sempliċi għal xi djalogu meħud minn testi sempliċi biex tintgħallem u jissaħħaħ l-għarfien ta' punteġġjatura ġdida. |
| | Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu. | Juru li t-tagħrif mill-kotba qiegħed jinħażen bħala għerf għall-użu fil-futur sew fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. | Juru l-ħila li jiktbu sentenzi aktar kumplessi bl-użu ta' konġunzjonijiet ħfief. |
| | Juru l-ħila li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar l-esperjenzi ta' karattri mit-testi. | | Jaslu biex jiktbu forom ta' rapporti qsar dwar avvenimenti/ġrajjiet li jkunu semgħu, raw jew qraw bl-użu ta' forom lingwistiċi. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.1.2** Juru l-ħila li jqabblu stampi/grafika ma’ testi u stejjer fejn juru li fehmu l-assoċjazzjoni ta’ l-ideat u s-sekwenza. | **2.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti u oħrajn inferenzjali ħfief. | **2.3.2** Jaqraw fi gruppi kemm żgħar kif ukoll bħala klassi sħiħa, testi differenti ta’ ġeneri varji skond l-għażla tagħhom. | **2.4.2** Juru li jafu l-konvenzjoni tal-kitba ta’ ittra bl-użu ta’ punteġġjatura eżatta. |
| Juru l-ħila li jsegwu b’konċentrazzjoni testi irrimati f’taqbiliet, għanjiet u poeżiji. | Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti dwar testi li jkunu semgħu. | Juru li kapaċi jaqraw xi artikli/ittri/tagħrifiet minn gazzetti inklużi l-isem tal-gazzetta partikolari u d-data tal-ħruġ/pubblikazzjoni. | |
| Juru l-ħila li jagħtu kliem nieqes li jirrima fil-versi mismugħa. | Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti fil-kuntest tal-ħajja ta’ kuljum. | Juru l-ħila li jaqraw u li jifhmu mistoqsijiet kemm diretti u ta’ xejra inferenzjali dwar testi varji u li kapaċi jsibu tweġib ***ad litteram*** mit-test/i. | Juru l-ħila li jfasslu daqs tliet u ħames mistoqsijiet lil xi ħaddiema/professjonisti dwar xogħolhom. |
| Juru attenzjoni u konċentrazzjoni fuq testi bi djalogi u testi mid-drama. | Iwieġbu għal mistoqsijiet anqas diretti (inferenzjali) fil-kompetenza u fil-livell tagħhom. | Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b’ritmu tajjeb testi magħrufa u oħrajn mhumiex quddiem udjenza/i. | Juru li jafu jiktbu dwar il-karatteristiċi fl-ambjent naturali abbinati ma’ l-istaġuni, xhur u differenzi klimatiċi. |
| | Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi u kull għajnuna oħra meħtieġa. | Jaqraw għal rashom testi bi skop ta’ tweġib għall-mistoqsijiet sew diretti kif ukoll ta’ xejra inferenzjali. | Juru l-ħila li jiktbu tweġibiet għal mistoqsijiet kemm diretti kif ukoll anqas diretti (inferenzjali) mill-qari f’taħriġ il-fehem. |
| **Iżommu attenzjoni u konċentrazzjoni fuq kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrifa mogħtija fil-klassi, fuq kull tislim u kull djalogu.** | **Jagħtu sehemhom fi gruppi ta’ tnejn jew aktar, anke fil-klassi sħiħa, għall-bidu bil-gwida ta’ l-għalliem/a fejn jitpoġġewlhom mistoqsijiet li jmexxuhom lejn linja ta’ ħsieb.** | **Jagħrfu, jaqraw u jifhmu l-messaġġi mwassla f’kull tip ta’ grafika lingwistika kemm fl-ambjent fiżiku kif ukoll fil-medja.** | **Juru li kapaċi jiktbu dwar stejjer, il-karatteristiċi partikulari tagħhom u dak li jogħġobhom/m’għoġobhomx.** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tinkiseb fil-klassi billi jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif/a. | **2.2.3** Jitkellmu dwar dak li jogħġobhom/ma jogħġobhomx f'kull kuntest, u juru li jafu jużaw formoli lingwistiċi. | **2.3.3** Juru li jafu jaqraw tabelli, grafika lingwistika, avviżi u reklami u li juru l-fehem ta' dawn xprunat minn mistoqsijiet fuq sitwazzjonijiet maħluqa fil-klassi. | **2.4.3** Jiktbu ftit sentenzi dwar storja, episodju, dramm li semgħu jew qraw. |
| Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif/a biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Fi gruppi jisimgħu lil xulxin jitkellmu dwar temi, anke mill-esperjenzi personali, fejn individwalment jagħtu fehemthom. | | Jiktbu ftit sentenzi dwar xi karattri minn storja, episodju, dramm li semgħu jew qraw. |
| | Waqt kull diskussjoni u/jew konversazzjoni jagħmlu mistoqsijiet rilevanti mat-tema. | | |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tqanqil mill-Vokabularju** |
| **2.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | **2.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijet dwar testi kemm mismugħa, anke mill-medja awdjo/viżiva kif ukoll dwar ġrajjiet fil-ħajja ta' kuljum. | **2.3.4** Il-vokabularju jissaħħaħ aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | **2.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-istudenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. |

| Attitudnijiet lejn it-Tagħlim | Attitudnijiet lejn It-Tagħlim | Attitudnijiet lejn it-Tagħlim | Attitudnijiet lejn it-tagħlim |
|---|---|---|---|
| **2.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | **2.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu jew segwew. | **2.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | **2.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat żgħar ta' sentenzi qsar dwar dak li semgħu, innotaw jew qraw. |
| **2.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | **2.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi eċċ. li jħobbu jisimgħu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | **2.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom u juru li jafu jagħtu sunt verbalment ta' dak li qraw. | **2.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' ftit sentenzi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi ħfief. |

# PROGRAMM

# GĦAT-TIENI SENA

## 2.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni testi qosra li jkun fihom aktar minn aspett wieħed ta' tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | |
| **2.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | Permezz ta' mistoqsijiet sempliċi wieħed għandu jmexxi lit-tfal fuq il-konċentrazzjoni. |
| Juru li fehmu t-testi li semgħu u li jagħrfu jipprevedu x'ġej minn sekwenzi li jkunu semgħu. | |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u non-verbali għall-mistoqsijiet magħmula dwar dak li semgħu. | L-għalliema jisħqu għal tweġib verbali jew azzjoni (non-verbali) posittiva bħala riżultat ta' kmand, struzzjoni jew direzzjoni. |
| **2.1.2** Juru l-ħila li jqabblu stampi/grafika ma' testi/stejjer fejn juru li fehmu l-assoċjazzjoni ta' l-ideat u s-sekwenza. | Dan bl-iskop li jwassal għall-kreattività b'sentenzi sekwenzjati fuq idea/ideat. |
| Juru l-ħila li jsegwu b'konċentrazzjoni testi irrimati f'taqbiliet, għanjiet u poeżiji. | Għandu jibqa' l-metodu tat-3 R-ijiet (Ripetizzjoni, Ritmu u Rima) biex it-tfal jakkwistaw kemm il-vokabularju kif ukoll it-tifsir. |
| Juru l-ħila li jagħtu kliem nieqes li jirrima fil-versi mismugħa. | |
| Juru attenzjoni u konċentrazzjoni fuq testi bi djalogi u testi mid-drama. | |
| **Iżommu attenzjoni u konċentrazzjoni fuq kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif/a mogħtija fil-klassi, fuq kull tislim u kull djalogu.** | |
| **2.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali tinkiseb fil-klassi billi jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif/a. | Issir enfasi fuq attivitajiet/movimenti/taħriġiet biex bla tbatija l-istudenti jidħlu f'rutina permezz ta' organizzazzjoni u ordni fil-klassi. |
| Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Jitħarrġu sew fit-TPR (Total Physical Response) li permezz tiegħu jattivaw il-moħħ u l-ġisem. Eż :<br>Ħabbat mal-bieb. Iftaħ it-tieqa. Dan ix-xogħol għal għada. Mur bil-qiegħda. Għolli subgħajk. Għadha ġibu ħames ċenteżmi. Iftħu l-ktieb tal-Malti. Sibu paġna… Ġorġ ibda aqra. Mur għand is-surmast u… Għid lil … biex… Mur ġib… |

| | |
|---|---|
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **2.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | Għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ minn fuq il-medja awdjo/viżiva u wara jsir taħriġ il-fehem mis-smigħ b'mistoqsijiet diretti. Jekk ikun hemm il-ħtieġa l-istudenti jitħallew jieħdu noti. Dan bl-iskop ta' integrazzjoni tal-ħiliet, iżda b'enfasi fuq is-smigħ. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **2.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | Jitħallew iġibu kassetti awdjo/vidjo biex isemmgħu/jisimgħu testi preferiti. |
| **2.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet u drama. | |

## 2.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifiet qosra u diretti, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | |
| **2.2.1** Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu f'taħdit quddiem udjenza/i. | Jingħataw kull opportunità biex jitkellmu dwar dak li jkunu semgħu kemm bħala kummenti kif ukoll bħala sunt verbali fuq punti saljenti. |
| Iwasslu fi kliemhom il-messaġġi li jisiltu mit-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ġabru mis-smigħ. | Wieħed jisħaq biex tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ngħataw iwassluhom lil ħaddieħor b'diskors indirett bl-użu ta': Qal, Qalet, Qalu, Qallek, Qaltlek, Qalli, Qaltli, Qalilna, Qaltilna, eċċ **Eż:** Qalli biex immur… Qaltli biex niġbor… Qalet li sejra… L-għalliem/a j/trid…Is-surmast spjega li… **Dawn għandhom ikunu dejjem xprunati minn mistoqsijiet.** |
| Jirrepetu taqbiliet, għanjiet u poeżiji mill-memorja. | Hija importanti r-ripetizzjoni (it-3 R-ijiet) għall-akkwist ta' vokabularju u l-ħażna ta' ideat u ta' għerf. Jingħadu jew jitkomplew mill-memorja versi jew partijiet minn poeżiji biex it-tfal juru li jħossu r-rima u r-ritmu. Għandu jkun ittestjat li jafu t-tifsir ta' ħoss, rima, ritmu, ton, tonalità b'eżempji minn kuntesti. |
| Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu. | Wieħed jisħaq li t-tfal jagħtu sunti fi kliemhom dwar testi mismugħa. |
| Juru l-ħila li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar l-esperjenzi ta' karattri mit-testi. | Għandhom isiru mistoqsijiet kemm mill-għalliem/a u mis-sħab fil-klassi. |
| **2.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti u oħrajn inferenzjali ħfief. | Hawn għandu jidħol gradwalment taħriġ il-fehem mis-smigħ. |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti dwar testi li jkunu semgħu. | Jitqanqal it-taħdit fuq il-mistoqsijiet: **Min? Fejn? Meta? X'ġara?** biex jibdew jirrakkontaw l-esperjenzi. |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti fil-kuntest tal-ħajja ta' kuljum. | Wieħed għandu jisħaq li għandhom joħorġu l-esperjenzi tal-ħajja. |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet anqas diretti (inferenzjali) fil-kompetenza u fil-livell tagħhom. | Iwieġbu għal mistoqsijiet ta' xejra inferenzjali biex jitkejjel l-ogħla livell ta' fehem. |
| Jagħmlu talbiet dwar ħtiġiet bażiċi u kull għajnuna oħra meħtieġa. | Wieħed għandu jisħaq u jfakkar li fil-klassi m'għandux ikun hemm elementi ta' mistħija jew inferjorità. Kulħadd għandu d-dritt li jitlob u jistaqsi fil-parametri ta' l-ordni u r-rispett. |

| | |
|---|---|
| **Jagħtu sehemhom fi gruppi ta' tnejn jew aktar, anke fil-klassi sħiħa, għall-bidu bil-gwida ta' l-għalliem/a fejn jitpoġġewlhom mistoqsijiet li jmexxuhom lejn linja ta' ħsieb.** | Wieħed għandu jisħaq fuq il-gwida li għandha tingħata biex wieħed jgħin lit-tfal jiżviluppaw il-ħsieb. |
| **2.2.3** Jitkellmu dwar dak li jogħġobhom/ma jogħġobhomx f'kull kuntest, u juru li jafu jużaw formoli lingwistiċi. | Permezz ta' mistoqsijiet diretti l-għalliema jinizjaw diskussjoni fuq temi sempliċi li jirrigwardjaw il-klassi, l-iskola, l-ambjent eċċ |
| Fi gruppi jisimgħu lil xulxin jitkellmu dwar temi, anke mill-esperjenzi personali, fejn individwalment jagħtu fehemthom individwalment. | Jagħtu fehemthom dwar l-esperjenzi tagħhom fl-ambjent tal-familja, ħruġ, logħob eċċ. Wieħed għandu jfissrilhom kif ikunu udjenza effettiva. Jitħeġġu jużaw formoli lingwistiċi bħal: Ħadt gost nisma'/nara… Lili għoġobni/m'għoġobnix/għoġbitni/m'għoġbitnix…eċċ. |
| Jagħmlu mistoqsijiet rilevanti mat-tema waqt kull diskussjoni u/jew konverżazzjoni | Jitħeġġu biex huma stess jagħmlu mistoqsijiet diretti u rilevanti mat-tema. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **2.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijet dwar testi kemm mismugħa, anke mill-medja awdjo/viżiva kif ukoll dwar grajjiet fil-ħajja ta' kuljum. | Fil-klassi minn bikri filgħodu jitħallew jirrepetu dak li jkun intgħallem kif ukoll jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa li hija esperjenza għalihom. Hu importanti li ma naqtgħulhomx fil-qasir jew bil-herra. Jitħallew għal ftit ħin skond regoli preskritti. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **2.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu jew segwew. | Jitħeġġu jitkellmu quddiem udjenza/i u anke jitħarrġu biex joqogħdu għal xi intervista u/jew jintervistaw lil xulxin. |
| **2.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi eċċ li jħobbu jisimgħu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | |

## 2.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jaqraw testi/stejjer/kotba bil-għajnuna ta' l-għalliema kemm mill-kotba tal-klassi kif ukoll minn oħrajn ta' qari għal gost u juru l-fehem fuq dak li jkunu qraw.** | |
| **2.3.1** Jaqraw stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex mhux biss jiskopru l-alfabett (*decoding)*, iżda biex, permezz tal-kuntest, jitlaqqgħu ma' prattiċi fl-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. | L-enfasi fuq l-idjoma għandha ssir kemm fit-taħdit, per eżempju f'testi ippreparati għar-reċtar, kif ukoll fil-kitba. |
| Juru li għandhom qabda fuq il-qari espressiv permezz tat-tonalità u d-dizzjoni. | L-għalliema jgħinu biex l-istudenti jakkwistaw ritmu, elokwenza u sens fil-qari billi jaqrawlhom u jirrepetulhom testi bħala mudelli. |
| Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi magħrufa u oħrajn li mhumiex quddiem udjenza/i. | Jitħallew jaqraw quddiem sħabhom fil-klassi u fil-laqgħat ta' filgħodu kull xorta ta' qari anke dak miktub minnhom. |
| Juru li t-tagħrif mill-kotba qiegħed jinħażen bħala għerf għall-użu fil-futur sew fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. | Waqt diskussjonijiet b'temi partikolari wieħed għandu jrawwem lit-tfal biex jesprimu opinjoni msaħħa b'għerf mill-qari. |
| **2.3.2** Jaqraw fi gruppi, kemm żgħar kif ukoll bħala klassi sħiħa, testi differenti ta' ġeneri varji skond l-għażla tagħhom. | |
| Juru li kapaċi jaqraw xi artikli/ittri/tagħrifiet minn gazzetti inklużi l-isem tal-gazzetta partikolari u d-data tal-ħruġ/pubblikazzjoni. | Jitħallew iġibu fil-klassi materjal mill-gazzetti u magazins biex jitkattar l-interess fil-qari u li jservi ta' mezz għat-tqanqil tal-kitba u tal-konversazzjoni (integrazzjoni tal-ħiliet). |
| Juru l-ħila li jaqraw u li jifhmu mistoqsijiet kemm diretti u ta' xejra inferenzjali dwar testi varji u li kapaċi jsibu tweġib ***ad litteram (kliem eżatt)*** mit-test/i. | Permezz ta' mistoqsijiet diretti u ta' xejra inferenzjali wieħed għandu jislet tifsir ta' kliem u frażijiet mill-kuntest. |
| Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi magħrufa u oħrajn li mhumiex quddiem udjenza/i. | Enfasi għandha ssir fuq it-tonalità, id-dizzjoni u l-elokwenza. Jingħataw kull opportunità ta' reċtar ta' rwoli ta' karattri f'testi ta' drama. |
| Jaqraw għal rashom testi bi skop ta' tweġib għall-mistoqsijiet sew diretti kif ukoll ta' xejra inferenzjali. | Jitħarrġu li mad-daqqa t'għajn ikunu jafu jsibu partijiet minn test li jkunu rilevanti mal-mistoqsijiet. |

| | |
|---|---|
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **2.3.3** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | Aktar ma jinħolqulhom opportunitajiet ta' qari, spazji biex jesprimu ruħhom dwar dak li qraw, semgħu jew esperjenzaw, aktar hemm lok għat-tisħiħ tal-vokabularju. Il-kuntesti li joħolqu huma stess jiswew mitqilhom deheb. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **2.3.4** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | L-għalliema għandhom jintroduċu lill-istudenti ma' l-ambjent tal-librerija fil-klassi u ma' dik fl-iskola. |
| **3.3.5** Juru l-preferenzi tagħhom u juru li jafu jagħtu sunt verbalment ta' dak li qraw . | Għandhom jitħallew jesprimu ruħhom dwar għażliet ta' kotba, iżda jfittxu l-gwida ta' l-għalliem/a tagħhom. |
| **L-Imġiba favur il-Qari** | |
| **2.3.6** Juru aktar konoxxenza tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Wieħed għandu jisħaq li t-tfal ikunu jafu t-titlu, l-awtur, il-werrej u l-użu tiegħu u l-kapitli. |
| Juru li għandhom gosti għal ġeneri partikolari ta' letteratura. | Jagħrfu d-differenza bejn storja f'kapitlu u ġrajja/ episodju fi storja twila fi ktieb, per eżempju, ktieb b'avventura. |
| Jagħrfu li l-libreriji fil-klassi, fl-iskola u fil-belt jew fir-raħal huma sorsi ta' taħjir għall-qari u għall-kitba. | It-tfal għandhom ikunu mħeġġa jagħmlu żjajjar fil-libreriji kemm ma' l-għalliem/a, mal-familjari u għal rashom. |

## 2.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jiktbu kliem, frażijiet, sentenzi u paragrafi għal għadd ta' skopijiet prattiċi.** | **F'din is-sena għandha tinbeda l-kitba bil-magħqud. Dan għandu jitħalla fid-diskrezjoni tat-tmexxija ta' l-iskola li kolleġġjalment tiddeċiedi fuq politika ta' kitba (Handwriting Policy).** |
| **2.4.1** Jiktbu kliem, frażijiet u sentenzi relatati ma' stampi anke bi skop ta' tisħiħ fit tagħlim tal-grammatika. | Għandha ssir enfasi fuq l-ortografija li tkun ibbażata fuq ir-regoli grammatikali mgħallma u fejn wieħed għandu jara li jispellu tajjeb. |
| Jiktbu sentenzi għall-bidu, imbagħad paragrafu bi ftit sentenzi fejn jesponu xi esperjenza personali. | Barra milli jitħarrġu fil-binja sintattika, it-tfal għandhom jingħataw prattika fil-kalligrafija permezz tat-traskrizzjoni u ikkupjar. |
| Jiktbu kontinwazzjonijiet sempliċi għal xi djalogu meħud minn testi sempliċi biex tintgħallem u tissaħħaħ il-konoxxenza ta' punteġġjatura ġdida. | It-tfal għandhom jidraw jimlew SPEECH BUBBLES waqt li jifhmu sekwenzi sempliċi. Enfasi għandha ssir fuq **l-għarfien** tal-marki tad-diskors dirett "…………" L-użu tal-punt (fullstop), tal-virgola u tas-simbolu tal-mistoqsija jintużaw mal-binja sintattika. |
| Juru l-ħila li jiktbu sentenzi aktar kumplessi bl-użu ta' konġunzjonijiet. | Jitħeġġu jużaw: **u, imma, wara, imbagħad, waqt li, hekk kif eċċ** |
| Jaslu biex jiktbu forom ta' rapporti qsar dwar avvenimenti/ġrajjiet li jkunu semgħu, raw jew qraw bl-użu ta' forom lingwistiċi. | Fil-programm …. ħadt pjaċir nisma'/naqra……..<br>Lili għoġobni/ m'għoġobnix…..fil-……<br>Ħadt gost nara l-film….. |
| **2.4.2** Juru li jafu l-konvenzjoni tal-kitba ta' ittra bl-użu ta' punteġġjatura eżatta. | L-għalliema għandhom iħallu fil-klassi kampjum bil-format ta' l-ittra sempliċi. |
| Juru l-ħila li jfasslu bejn tliet u ħames mistoqsijiet lil xi ħaddiema/professjonisti dwar xogħolhom. | Jidraw ifasslu mistoqsijiet b'loġika u sekwenza bi skop għal xi intervista/i ma' ħaddiema u professjonisti.. |
| Juru li jafu jiktbu dwar il-karatteristiċi fl-ambjent naturali abbinati ma' l-istaġuni, xhur u differenzi klimatiċi. | |
| Juru l-ħila li jiktbu tweġibiet għal mistoqsijiet kemm diretti kif ukoll anqas diretti (inferenzjali) mill-qari f'taħriġ il-fehem. | |

| | |
|---|---|
| **Juru li kapaci jiktbu dwar stejjer, il-karatterictici partkulari taghhom u dak li ġħoġobhom/ ma ġħoġobhomx.** | |
| **2.4.3** Jiktbu ftit sentenzi dwar xi karattri minn storja, episodju, dramm li semgħu jew qraw. | Jinkiteb numru ta' sentenzi li jiddeskrivu karattru/i. |
| **It-Tqanqil mill-Vokabularju** | |
| **2.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-istudenti għandhom juru l-ħila li jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. | Għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom għall-bidu b'mistoqsijiet li jiggwidawhom u permezz ta' stampi, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni. |
| **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** | |
| **2.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat żgħar ta' sentenzi qsar dwar dak li semgħu, innotaw jew qraw. | F'kull ħin liberu għandhom jitħeġġu biex joħolqu kitbiet skond il-gosti tagħhom. |
| **2.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' ftit sentenzi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi ħfief. | Għandu jingħata kull spazju fiżiku fil-klassi u barra minnha biex l-espressjoni kreattiva ta' l-istudenti titpoġġa għall-wiri biex (i) tkun apprezzata minn kulħadd; (ii) u permezz ta' hekk il-wiri jservi ta' tqanqil għall-oħrajn; (iii) u fuq kollox jibda dieħel sens ta' sodisfazzjon u ta' inizjattiva f'dawk li għamlu x-xogħol. |

# IT-TIELET SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦAT-TIELET SENA

| 3.1 SMIGĦ | 3.2 TAĦDIT | 3.3 QARI | 3.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni testi li jkun fihom tagħrif dirett, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifiet qosra, direzzjonijiet u struzzjonijiet** | **Jaqraw u jifhmu sentenzi, paragrafi, stejjer u testi varji kemm skedati kif ukoll skond il-gosti.** | **Jiktbu sentenzi u paragrafi qsar fil-binja gradata u strutturata tal-komponimenti.** |
| **3.1.1** Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ kemm prattiku, fiżiku u akkademiku. | **3.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw. | **3.3.1** Jaqraw stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex, permezz tal-kuntest, jitlaqqgħu ma' prattiċi fl-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. | **3.4.1** Juru li jafu jpoġġu l-vokabularju f'postu li bih jikkomunikaw fatti, ideat u opinjonijiet f'ordni sekwenzjat. |
| Juru li minn dak li semgħu jistgħu jsibu applikazzjoni għalih b'mod integrat bil-gwida ta' l-għalliem/a. | Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar l-esperjenzi, għejdut u ġrajjiet attwali. | Juru li għandhom qabda fuq il-qari espressiv permezz tat-tonalità, id-dizzjoni u l-elokwenza. | Juru li jafu jfasslu pjan miktub f'forma ta'raġġiera li jwassalhom jibnu l-paragrafi għal komponimenti sempliċi. |
| | Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti u xogħol prattiku. | Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi magħrufa, u oħrajn li mhumiex, quddiem udjenza/i. | Juru li kapaċi jiktbu serje ta' sentenzi/paragrafi mqanqla minn stampa/i anke fejn ikunu mħajra jbassru t-tmiem. |
| | | Juru li t-tagħrif mill-kotba/mill-qari qiegħed jinħażen bħala għerf għall-użu fil-futur sew fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. | Juru li minn serje ta' kliem/ frażijiet ikunu kapaċi jfasslu kitba kreattiva. |
| **Jisimgħu programmi ta' kull xorta mill-medja awdjo/viżiva li jqanqlulhom l-interess għal attivitajiet varji.** | **Juru li kapaċi jitkellmu dwar stejjer sempliċi, poeżiji jew testi drammatiċi li jkunu segwew, semgħu jew qraw.** | **Juru li waqt li jestendu l-qari minn stejjer, poeżiji u testi drammatiċi għal gazzetti, perjodiċi, magażins eċċ., jagħrfu ukoll il-karatteristiċi u d-differenzi tal-ġeneri varji.** | **Juru li jagħrfu li l-kitba kreattiva mhix biss dik tal-komponiment.** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3.1.2** Juru li japprezzaw stejjer, testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet u li kapaċi jsegwu, jindagaw, ifittxu u jirriċerkaw dwar dak li jkunu semgħu. | **3.2.2** Jitkellmu dwar sunti kif ukoll opinjonijiet dwar testi varji li jkunu semgħu jew qraw, dwar filmati, episodji jew dokumentarji murija fil-medja viżiva. | **3.3.2** Juru li meta jaqraw jafu x'inhu episodju, kapitlu, artiklu, avviz, reklam, slogan, kapxin u li kapaċi jisiltu messaġġ/tifsir minnhom f'sunti differenti. | **3.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviżi abbinati ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. |
| Juru li minn dak li semgħu hemm xebh/differenza minn dak li jesperjenzaw fil-ħajja tagħhom. | Jitkellmu dwar karattri maħluqa f'testi u jqabblu l-emozzjonijiet tal-karattri ma' tagħhom. | Juru li jkunu kunfidenti meta jaqraw testi mhux familjari u li kapaċi jiskennjaw. | . |
| Juru li kapaċi jbassru konlużjonijiet ta' stejjer. | Juru li għandhom għajn għarriexa għad-dettal u li kapaċi jorqmu fi ftit kliem sunti dwar grajjiet li esperjenzaw. | Juru li meta jaqraw testi jkunu kapaċi jisiltu minnhom tagħrif dwar sfond u li jagħtu opinjoni dwar fatti jew linja ta' ħsieb. | Juru li kapaċi jimlew formoli b'data personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali (speċi ta' CV). |
| | | | Juru li kapaċi jkomplu djalogu/i bi ftit sentenzi billi jsegwu s-sekwenza ta' ġrajjiet u linji ta' ħsieb espressi fit-test. |
| **Joqogħdu attenti għall-fehmiet ta' l-oħrajn meta xi attività tkun mifruxa fi grupp/i.** | **Jitkellmu ma' oħrajn fi grupp/i jew waqt attivitajiet ta' gruppi relatati ma' tema/i u/jew attività prattika.** | **Jaqraw fi gruppi ta' tnejn jew aktar quddiem udjenza/i biex isiru aktar kunfidenti.** | **Jiktbu b'aktar konċentrazzjoni fuq is-sintassi, fuq il-formoli lingwistiċi u l-idjoma.** |
| **3.1.3** Juru koerenza ta' ħsieb meta jagħmlu kummenti jew ikunu lesti biex jagħtu alternattivi. | **3.2.3** Fil-gruppi jistaqsu jew iwieġbu mistoqsijiet dwar l-attività kurrenti u jagħtu direzzjonijiet ukoll. | **3.3.3** Juru li jafu jagħtu tonalità waqt qari u jsaħħu l-fehem ta' l-udjenza/i bil-lingwaġġ tal-ġisem, speċjalment waqt il-qari ta' diskorsi/djalogi diretti. | **3.4.3** Juru li kapaċi jużaw firxa wiesgħa ta' vokabularju u espressjonijiet idjomatiċi mill-ħażna li jkunu ġabru. |
| Juru li jsegwu b'attenzjoni l-kummenti, suġġerimenti alternattivi ta' ħaddieħor. | Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista dwar tema/ attività kurrenti jew esperjenzi. | Juru li jafu jaqraw dettalji/listi meta jintalbu jagħmlu xi proċess prattiku, u li jafu jesponu l-proċess wara li jsir. | Juru li kapaċi jixprunaw l-ideat b'mistoqsijiet lilhom infushom biex jaslu għall-binja ta' sentenzi espressivi. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Juru li kapaċi jagħtu reazzjoni/jiet għall-kummenti ta' ħaddieħor. | Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi servejs, riċerki jew intervisti barra mill-ħitan tal-klassi. | Juru li kapaċi jaqraw brochures/depliants u li minnhom ikunu kapaċi jisiltu tagħrif għal xi htiġiet individwali/komuni/ġenerali. | Juru li barra milli jiktbu jkunu kapaċi li jagħmlu tibdil/tiswijiet fuq il-kitba tagħhom permezz ta' proofreading. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tqanqil mill-Vokabularju** |
| **3.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | **3.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment kif ukoll bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu sew sunti kif ukoll jistqarru opinjonijiet dwar testi kemm mismugħa (anke mill-medja awdjo/viżiva) kif ukoll dwar grajjiet/esperjenzi fil-ħajja ta' kuljum. | **3.3.4** Il-vokabularju jissaħħaħ aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | **3.4.4** Kull kitba ghandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-istudenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** |
| **3.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | **3.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu jew segwew. | **3.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | **3.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw jew qraw, anke permezz ta' sommarji/notamenti miktuba biex jiftakru fatti/karatteristiċi/differenzi. |
| **3.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | **3.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi eċċ li jħobbu jisimgħu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | **3.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li qraw kemm verbalment kif ukoll bil-kitba. | **3.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi.. |

# PROGRAMM

# GĦAT-TIELET SENA

## 3.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni testi li jkun fihom tagħrif dirett, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | Permezz ta' mistoqsijiet sempliċi wieħed għandu jmexxi lit-tfal lejn il-konċentrazzjoni. |
| **3.1.1** Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ kemm prattiku, fiżiku u akkademiku. | |
| Juru li minn dak li semgħu jistgħu jsibu applikazzjoni għalih b'mod integrat bil-gwida ta' l-għalliem/a. | L-għalliema għandhom jirsistu biex it-taħdit jimraħ minn suġġett għal ieħor b'mod tematiku/integrat. |
| **Jisimgħu programmi ta' kull xorta mill-medja awdjo/viżiva li jqanqlulhom l-interess għal attivitajiet varji.** | |
| **3.1.2** Juru li japprezzaw stejjer, testi b'tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet u li kapaċi jsegwu, jindagaw, ifittxu u jirriċerkaw fuq dak li jkunu semgħu. | Għandha ssir enfasi li fil-klassi kull ma jsir huwa bi skop prattiku. Għalhekk, għandhom jitħarrġu fil-prattika tar-riċerka minn sorsi varji anke mill-Internet, għalkemm mhux bil-lingwa Maltija. |
| Juru li minn dak li semgħu hemm xebh/differenza minn dak li jesperjenzaw fil-ħajja tagħhom. | Jitħeġġu jagħmlu paraguni. |
| Juru li kapaċi jbassru konlużjonijiet ta' stejjer. | Wieħed għandu jisħaq fuq dan biex titqanqal l-immaġinazzjoni u l-kreattività. |
| **Joqogħdu attenti għall-fehmiet ta' l-oħrajn meta xi attività tkun mifruxa fi grupp/i.** | |
| **3.1.3** Juru koerenza ta' ħsieb meta jagħmlu kummenti jew ikunu lesti biex jagħtu alternattivi. | L-għalliem jagħmel tajjeb jekk waqt attivitajiet fi gruppi lit-tfal jagħmlilhom mistoqsijiet. |
| Juru li jsegwu b'attenzjoni l-kummenti, suġġerimenti alternattivi ta' ħaddieħor. | |
| Juru li kapaċi jagħtu reazzjoni/jiet għall-kummenti ta' ħaddieħor. | It-tfal għandhom jitħeġġu jkunu ippreparati għall-kummenti ta' l-oħrajn biex jesponu raġunijiet validi. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **3.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | Għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ minn fuq il-medja awdjo/viżiva u wara jsir taħriġ il-fehem mis-smigħ b'mistoqsijiet diretti. Jekk ikun hemm il-ħtieġa l-istudenti jitħallew jieħdu noti li jkunu relevanti ma' tema/i ġħar-riċerka u fit-tagħlim integrat. |

| **Attitudniiet lejn it-Tagħlim** | |
|---|---|
| **3.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | Jitħallew iġibu kassetti awdjo/vidjo biex isemmgħu, jisimgħu u jaraw dak li l-aktar jiġbidhom lejn il-lingwa. Il-mistoqsijiet għal skopijiet ta' taħriġ il-fehem m'għandhomx jonqsu. |
| **3.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | |

## 3.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jitkellmu biex jagħtu tagħrifiet qosra, direzzjonijiet u struzzjonijiet.** | |
| **3.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw. | Jingħataw kull opportunità biex jikellmu dwar dak li jkunu semgħu kemm bħala kummenti kif ukoll bħala sunt verbali fuq punti saljenti. |
| Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar l-esperjenzi, għejdut u ġrajjiet attwali. | Wieħed jisħaq biex it-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ngħataw iwassluhom lil ħaddieħor b'diskors indirett bl-użu ta': Qal, Qalet, Qalu, Qallek, Qaltlek, Qalli, Qaltli, Qalilna, Qaltilna, Smajt li…, Stqarret li…, eċċ. **Eż:** Qalli biex immur… Qaltli biex niġbor… Qalet li sejra… L-għalliem/a j/trid…Is-surmast spjega li… Smajt li ġejjin… Stqarret li mhix… **Dawn għandhom ikunu dejjem xprunati minn mistoqsijiet.** |
| Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti u xogħol prattiku. | |
| **Juru li kapaċi jitkellmu dwar stejjer sempliċi, poeżiji jew testi drammatiċi li jkunu segwew, semgħu jew qraw.** | |
| **3.2.2** Jitkellmu dwar sunti kif ukoll opinjonijiet dwar testi varji li jkunu semgħu jew qraw, dwar filmati, episodji jew dokumentarji murija fil-medja viżiva. | Wieħed jisħaq li t-tfal jagħtu sunti fi kliemhom dwar testi mismugħa, episodji, dokumentarji u films minn fuq il-medja u li jużaw formoli lingwistiċi. |
| Jitkellmu dwar karattri maħluqa f'testi u jqabblu l-emozzjonijiet tal-karattri ma' tagħhom. | Huwa importanti li l-għalliema jagħmlu mistoqsijiet ipotetiċi, bħal: Li kieku kont int….? |
| Juru li għandhom għajn għarriexa għad-dettal u li kapaċi jorqmu fi ftit kliem sunti dwar ġrajjiet li esperjenzaw. | Għandhom isiru mistoqsijiet kemm mill-għalliem/a u mis-sħab fil-klassi. |
| **Jitkellmu ma' oħrajn fi gruppi jew waqt attivitajiet ta' gruppi relatati ma' tema/i u/jew attività prattika.** | |
| **3.2.3** Fil-gruppi jistaqsu jew iwieġbu mistoqsijiet dwar l-attività kurrenti u jagħtu direzzjonijiet ukoll. | Wieħed għandu jisħaq u jfakkar li fil-klassi m'għandux ikun hemm elementi ta' mistħija jew inferjorità. Kulħadd għandu d-dritt li jitlob u jistaqsi fil-parametri ta' l-ordni u r-rispett. |

| | |
|---|---|
| Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista dwar tema/ attività kurrenti jew esperjenzi. | Jitqanqal it-taħdit fuq mistoqsijiet bħal: **Min? Fejn? Meta? X'ġara?** biex jibdew jirrakkontaw l-esperjenzi. |
| Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi servejs, riċerki jew intervisti. | L-għalliema għandhom idaħħlu l-prattika li joħorġu lit-tfal mill-ambjent tal-klassi u jeħduhom qalb il-komunità biex jagħmlu intervisti u servejs li jservu kemm għar-riċerka u għal xi proġetti marbutin ma' tema/i. It-tfal għandhom jippreparaw ruħhom b'mistoqsijiet. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **3.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijet dwar testi kemm mismugħa, anke mill-medja awdjo/viżiva kif ukoll dwar ġrajjiet/esperjenzi fil-ħajja ta' kuljum. | Fil-klassi minn bikri filgħodu jitħallew jirrepetu dak li jkun intgħallem kif ukoll jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa li hija esperjenza għalihom. Hu importanti li ma naqtgħulhomx fil-qasir jew bil-herra. Jitħallew għal ftit ħin skond regoli preskritti. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **3.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu jew segwew. | Jitħeġġu jitkellmu quddiem udjenza/i u anke jitħarrġu biex joqogħdu għal xi intervista u/jew jintervistaw lil xulxin. |
| **3.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi eċċ. li jħobbu jisimgħu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | |

## 3.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jaqraw u jifhmu sentenzi, paragrafi, stejjer u testi varji kemm skedati kif ukoll skond il-gosti.** | |
| **3.3.1** Jaqraw stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex, permezz tal-kuntest, jitlaqqgħu ma' prattiċi fl-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. | Il-qari għandu jkun estiż. Għandha ssir enfasi fuq il-fehem permezz ta' mistoqsijiet għall-ewwel. Wara bil-fomm jew bil-kitba it-tfal għandhom jitħeġġu jagħtu sunti. |
| Juru li għandhom qabda fuq il-qari espressiv permezz tat-tonalità, id-dizzjoni u l-elokwenza. | L-għalliema jgħinu biex l-istudenti jakkwistaw ritmu, elokwenza u sens fil-qari billi jaqrawlhom u jirrepetulhom testi bħala mudelli. |
| Juru li kapaċi jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi magħrufa u oħrajn li mhumiex quddiem udjenza/i. | Jitħallew jaqraw quddiem sħabhom, fil-klassi u fil-laqgħat ta' filgħodu, kull xorta ta' qari anke dak miktub minnhom. |
| Juru li t-tagħrif mill-kotba/mill-qari qiegħed jinħażen bħala għerf għall-użu fil-futur sew fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. | Waqt diskussjonijiet b'temi partikolari wieħed għandu jrawwem lit-tfal biex jesprimu opinjoni msaħħa b'għerf mill-qari. |
| **Juru li waqt li jestendu l-qari minn stejjer, poeżiji u testi drammatiċi għal gazzetti, perjodiċi, magażins eċċ., jagħrfu ukoll il-karatteristiċi u d-differenzi tal-ġeneri varji.** | |
| **3.3.2** Juru li meta jaqraw jafu x'inhu episodju, kapitlu, artiklu, avviż, reklam, slogan, kapxin u li kapaċi jisiltu messaġġi/tifsir minnnhom f'sunti differenti. | Il-karatteristiċi ta' kull ġeneru għandu jkun magħruf mit-tfal. |
| Juru li jkunu kunfidenti meta jaqraw testi mhux familjari u li kapaċi jiskennjaw. | |
| Juru li meta jaqraw testi jkunu kapaċi jisiltu minnhom tagħrif dwar sfond u li jagħtu opinjoni dwar fatti jew linja ta' ħsieb. | Din l-estensjoni tal-letteratura għandha ċċaqlaq lill-istudenti japprezzaw u jfasslu opinjonijiet/kummenti/tixbihat eċċ. Għandhom jitħeġġu biex jagħmlu rispons personali dwar x'għoġobhom/m'għoġobhomx minn dak li qraw. |
| **Jaqraw fi gruppi ta' tnejn jew aktar quddiem udjenza/i biex isiru aktar kunfidenti.** | |
| **3.3.3** Juru li jafu jagħtu tonalità waqt qari u jsaħħu l-fehem ta' l-udjenza/i bil-lingwaġġ tal-ġisem, speċjalment waqt il-qari ta' diskorsi/djalogi diretti. | Għandu jsir minn kollox biex f'kull ħin jitlaqqgħu ma' udjenza effettiva li tapprezza u tikkritika oġġettivament. |
| Juru li jafu jaqraw dettalji/listi meta jintalbu jagħmlu xi proċess prattiku, u li jafu jesponu l-proċess wara li jsir. | |

| | |
|---|---|
| Juru li kapaċi jaqraw brochures/depliants u li minnhom ikunu kapaċi jislitu tagħrif għal xi ħtiġiet individwali/komuni/ġenerali. | Għandu jidħol ukoll l-użu ta' L-INTERNET bħala mod ta' riċerka. Għalkemm ftit li xejn jista' jinstab materjal bil-Malti, iżda jkun tajjeb li t-tfal jiktbu dwar dak li jkunu sabu u jagħtu rapport bil-Malti permezz tal-qari ta' kitbiethom. |
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **3.3.4** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **3.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | |
| **3.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li qraw kemm verbalment kif ukoll bil-kitba. | |
| **L-Imġiba favur il-Qari** | |
| **3.3.7** Juru aktar konoxxenza tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Wieħed għandu jisħaq li jkunu jafu t-titlu, l-awtur, il-werrej u l-użu tiegħu, il-kapitli, l-isfond u l-karattri. Jagħrfu d-differenza bejn storja f'kapitlu u ġrajja/episodju fi storja twila fi ktieb, per eżempju, rumanz. |
| Juru li għandhom gosti għal ġeneri partikolari ta' letteratura. | It-tfal għandhom jitħeġġu jitkellmu dwar il-gosti tagħhom u x'jiġbidhom lejn ġeneru partikolari. |
| Jagħrfu li l-libreriji fil-klassi, fl-iskola u fil-belt jew fir-raħal huma sorsi ta' taħjir għall-qari u għall-kitba. | Għandu jsir kull sforz biex isiru żjajjar fil-libreriji. Iżda wieħed ma jridx jinsa li fil-klassi ukoll għandu jkun hemm kotba bħala riżorsi u li jinbidlu minn żmien għal żmien**.** |

## 3.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jiktbu sentenzi u paragrafi qsar fil-binja gradata u strutturata tal-komponimenti.** | |
| **3.4.1** Juru li jafu jpoġġu l-vokabularju f'postu li bih jikkomunikaw fatti u ideat f'ordni sekwenzjat. | Wieħed irid jisħaq li l-espressjoni għandha tkun il-qofol ta' kitba tajba. Għandu jiżdied l-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi ħfief. |
| Juru li jafu jfasslu pjan miktub f'forma ta' raġġiera li jwassalhom jibnu l-paragrafi għal komponimenti sempliċi. | Il-komponiment għandu jibda bi pjan f'forma ta' raġġiera. Dan isir wara li t-tfal ikunu mqanqla jwieġbu mistoqsijiet. |
| Juru li kapaċi jiktbu serje ta' sentenzi/paragrafi mqanqla minn stampa/i anke fejn ikunu mħajra jbassru t-tmiem. | Komponimenti dwar stampi m'għandhomx ikunu biss f'ordni. Minn serje ta' stampi għandha titħalla waħda barra biex titqanqal l-immaġinazzjoni u, allura, it-tfal jaslu jbassru. |
| Juru li minn serje ta' kliem/frażijiet ikunu kapaċi jfasslu kitba kreattiva. | Għall-bidu dawn jingħataw f'ordni sekwenzjat, iżda aktar tard wieħed għandu jħalli lit-tfal joħolqu sekwenza huma skond l-ideat tagħhom. |
| **Juru li jagħrfu li l-kitba kreattiva mhix biss dik tal-komponiment.** | |
| **3.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviż ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. | Għandhom jintwerew tipi varji ta' grafika b'messaġġi fejn għall-ewwel wieħed għandu jħeġġeg lit-tfal jaħsbu biex jibdlu imqar partijiet. Wara jingħataw grafika biex huma stess jiktbu messaġġi. |
| Juru li jafu jiktbu ittri qsar bħal xi forma ta' stedin, ta' xewqat jew ta' ringrazzjament. | Għandha ssir enfasi fuq tipi ta' ittri li jistgħu jinkitbu, fuq il-format ta' l-ittra, il-paragrafar u l-punteġġjatura. Tajjeb li wieħed iderrihom jiktbu indirizzi fuq invilops b'punteġġjatura eżatta. |
| Juru li kapaċi jkomplu djalogu/i bi ftit sentenzi billi jsegwu s-sekwenza ta' ġrajjiet u linji ta' ħsieb espresssi fit-test. | Barra mill-kitba kreattiva wieħed ikun qiegħed ikejjel il-fehem. |
| **Jiktbu b'aktar konċentrazzjoni fuq is-sintassi, fuq il-formoli lingwistiċi u l-idjoma.** | |
| **3.4.3** Juru li kapaċi jużaw firxa wiesgħa ta' vokabularju u ta' espressjonijiet idjomatiċi mill-ħażna li jkunu akkumulaw. | |

| | |
|---|---|
| Juru li kapaċi jixprunaw l-ideat b'mistoqsijiet lilhom infushom biex jaslu għall-binja ta' sentenzi epressivi. | |
| Juru li barra li jiktbu jkunu kapaċi li jagħmlu tibdil/tiswijiet fuq il-kitba tagħhom permezz ta' proofreading. | It-tfal għandhom jitħarrġu biex huma stess jiċċekkjaw sewwa kitbiethom kemm għal żbalji ortografiċi u oħrajn ta' natura grammatikali. Għandha ssir enfasi ukoll fuq il-kalligrafija. |
| **It-Tqanqil mill-Vokabularju** | |
| **3.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-istudenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. | Jinħolqu sitwazzjonijiet li jixbhu sew ir-realtà tal-ħajja. Kultant ikun tajjeb li jinħarġu mill-klassi u jittieħdu qalb il-komunità biex jagħmlu intervisti fuq mistoqsijiet li jkunu kitbu u wara jiktbu rapporti. |
| **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** | |
| **3.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw jew qraw, anke permezz ta' sommarji/notamenti miktuba biex jinftakru fatti/karatteristiċi/differenzi. | Il-kitba, bħall-qari, m'għandhiex tkun marbuta ma' ħin. It-tfal għandhom jitħallew liberi f'waqtiet tal-jum biex jiktbu skond il-ħajriet tagħhom. |
| **3.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi.. | Fil-kitba għandu jkun hemm rifless kull tagħlim ta' regoli. Waqt korrezzjoni u/jew assessjar it-tfal għandhom jagħtu sehemhom billi jsibu huma ukoll l-iżbalji tagħhom. |

# IR-RABA’ SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦAR-RABA' SENA

| 4.1 SMIGĦ | 4.2 TAĦDIT | 4.3 QARI | 4.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni testi li jkun fihom tagħrif dirett, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu b'mod li jagħtu għadd ta' tifsiriet qosra u diretti, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jaqraw stejjer, tagħrif, listi ta' struzzjonijiet fi proċessi, kotba ta' riferenza, artikli minn gazzetti/magazins u perjodiċi, brochures u depliants.** | **Jiktbu sentenzi u paragrafi qsar fil-binja gradata u strutturata tal-komponimenti.** |
| **4.1.1** Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ kemm prattiku, fiżiku u akkademiku. | **4.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw b'mod sekwenzjali. | **4.3.1** Juru li kapaċi jwieġbu mistoqsijiet diretti u inferenzjali għal skop tal-kejl tal-fehem. | **4.4.1** Juru li jafu jpoġġu l-vokabularju f'postu f'sintassi mibnija mill-bażi u li bih jikkomunikaw fatti u ideat f'ordni sekwenzjat. |
| Juru li minn dak li semgħu jistgħu jsibu applikazzjoni għalih b'mod integrat bil-gwida ta' l-għalliem/a. | Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar l-esperjenzi, għejdut u ġrajjiet attwali. | Juru li kapaċi jaqraw informazzjoni minn sorsi varji u li kapaċi jisiltu minnha l-aktar tagħrif essenzjali għal skop personali jew għal xi proġett. | Juru li jafu jfasslu pjan miktub f'forma ta'raġġiera li jwassalhom jibnu l-paragrafi bl-ideat assoċjati u msenslin minn waħda għall-oħra f'komponimenti sempliċi. |
| | Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti, proċessi u xogħol prattiku kemm fil-klassi u kif ukoll barra minnha. | Juru li minn dak il-qari kapaċi jsegwu linja ta' ħsieb, struzzjonijiet, direzzjonijiet kif ukoll li jfasslu opinjoni. | Juru li kapaċi jiktbu serje ta' sentenzi/paragrafi mqanqla minn stampa/i anke fejn ikunu mġiegħla jbassru tmiem kif iħossu li huwa relevanti mas-sitwazzjoni/jiet espressa/i fl-istampa/i. |
| | | | Juru li minn serje ta' kliem/ frażijiet/espressjonijiet idjomatiċi mogħtija jkunu kapaċi juzawhom f'kitba kreattiva skond l-ideat imqanqla. |

| Jisimgħu lill-oħrajn fi gruppi jew waqt attivitajiet fi gruppi u juru li kapaċi jwieġbu għal dawk il-mistoqsijiet relevanti b'kummenti jew opinjonijiet. | Jitkellmu ma' oħrajn fi gruppi jew waqt attivitajiet ta' gruppi relatati ma' tema/i u/jew attività prattika taħt it-tmexxija ta' wieħed/waħda minnhom. | Jaqraw testi varji minn ġeneri differenti skond il-gosti tagħhom dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti kemm fil-privat kif ukoll fil-pubbliku. | Juru li jagħrfu li l-kitba kreattiva mhix biss dik tal-komponiment. |
|---|---|---|---|
| **4.1.2** Juru koerenza ta' ħsieb meta jagħmlu kummenti jew ikunu lesti biex jagħtu alternattivi. | **4.2.2** Fil-gruppi jistaqsu jew iwieġbu mistoqsijiet dwar l-attività kurrenti u jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet ukoll. | **4.3.2** Juru li kapaċi jaqraw minn rajhom f'kull waqt liberu kemm fil-klassi u barra minnha u li permezz tad-diskussjoni joħorġu fehmiet personali. | **4.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviż ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. |
| Juru li jsegwu b'attenzjoni l-kummenti, suġġerimenti alternattivi ta' ħaddieħor. | Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista/i minn sħabhom stess dwar tema/attività kurrenti jew esperjenzi personali. | Juru li kapaċi jaqraw quddiem udjenza/i testi minn ġeneri tal-gosti tagħhom u li fuq kollox ikunu kapaċi jagħmlu kummenti. | Juru li kapaċi joħolqu djalogi relatati ma' komiks jew storja ritratt u ukoll in-narrativa sempliċi li tmur magħhom. |
| Juru li kapaċi jagħtu reazzjoni/jiet għall-kummenti ta' ħaddieħor waqt li jaċċettaw il-kritika/is-suġġerimenti. | Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi servejs, riċerki jew intervisti barra mill-klassi taħt il-gwida ta' l-għalliem/a. | Juru li jkunu kunfidenti meta jaqraw testi mhux familjari u li kapaċi jiskennjaw. | Juru li jafu jiktbu ittri qsar għal xi forma ta' stedin, ta' xewqat, ta' dispjaċir, ta' ringrazzjament jew ta' lment. |
| | Juru li kapaċi jagħmlu stqarrijiet f'isem il-grupp wara ħidma, diskussjoni jew attività prattika. | Juru li minn dak li jkunu qraw, barra li jkunu segwew il-linja ta' ħsieb, ikunu kapaċi jikkummentaw dwar is-sengħa ta' l-awtur. | Juru li kapaċi jimlew formoli b'data personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali, namriet u ħajriet (speċi ta' CV). |
| | | Juru li jagħrfu d-differenzi ta' tipi ta' testi u ġeneri diversi ta' kitba. | Juru li kapaċi jkomplu djalogu/i bi ftit sentenzi u mistoqsijiet billi jsegwu s-sekwenza ta' ġrajjiet u l-linji ta' ħsieb espressi fit-test. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Joqogħdu attenti għal stejjer, poeżiji u testi drammatiċi biex jidraw jagħtu l-impressjoni/opinjoni tagħhom fuq l-esperjenzi ta' awturi jew il-karattri mdaħħla fit-test/i.** | **Jitkellmu ma' gruppi jew fi gruppi billi jagħmlu preżentazzjonijiet orali megħjuna minn grafika jew illustrazzjonijiet biex iwasslu tagħrif miksub.** | **Jaqraw fi gruppi bl-iskop li jidraw jiddiskutu u jfasslu biex itellgħu huma stess avvenimenti ta' bixra letterarja fl-iskola u barra minnha.** | **Jiktbu b'aktar konċentrazzjoni fuq is-sintassi, fuq il-formoli lingwistiċi u l-idjoma waqt li jkollhom f'moħħhom is-sentenza topika u l-ideat sekwenzjati li joħorġu minnha.** |
| **4.1.3** Juru li kapaċi jaraw id-differenza bejn ġeneri varji tal-letteratura. | **4.2.3** Juru li kapaċi jagħtu rapporti jew rendikonti verbali ta' xi tiftix jew riċerka dwar tema jew proġett. | **4.3.3** Juru li f'kull qari espressiv jafu jagħtu tonalità, dizzjoni u lingwaġġ tal-ġisem biex toħroġ l-elokwenza. | **4.4.3** Juru li mill-ħażna li jkunu akkumulaw ikunu kapaċi jużaw firxa wiesgħa ta' vokabularju u espressjonijiet idjomatiċi li twassal għall-binja sintattika organizzata. |
| Juru li waqt is-smigħ ta' testi varji kapaċi jagħrfu ftit fatturi/xejriet/karatteristiċi/ similaritajiet/differenzi. | Juru li kapaċi jitkellmu dwar ġrajjiet u esperjenzi personali fil-qasam pubbliku, sportiv, skolastiku u/jew l-ambjent tal-familja. | | Juru li kapaċi jixprunaw l-ideat b'mistoqsijiet lilhom infushom biex jaslu għall-binja ta' sentenzi espressivi u li permezz ta' pjan f'forma ta' raġġiera irieġu lilhom infushom biex isenslu idea/t m'oħra/jn. |
| Juru li kapaċi jkunu udjenza serja, valida u effettiva billi jagħrfu jiġbru tagħrif minn dak li semgħu jew li jafu jisiltu punti saljenti. | Juru li waqt udjenza/i fi gruppi kapaċi jitkellmu dwar testi minn ġeneri varji u li jagħrfu jagħtu tagħrif dwar karattri, ġrajjiet u jagħtu deskrizzjonijiet. | Juru li permezz tal-ħajriet individwali fil-qari jkunu kapaċi jaddattaw reċtar sempliċi bi djalogar addattat minn testi moqrija. | Juru li mill-introduzzjoni kapaċi jibnu paragrafi li juru kontinwità u koerenza fil-ħsieb/ħsibijiet espressi. |
| | Juru li kapaċi jwieġbu għal mistoqsijiet u li jkunu ippreparati b'tagħrif li jsaħħaħ l-opinjonijiet tagħhom. | | Juru li barra li jiktbu jkunu kapaċi li jagħmlu tibdil u tiswijiet fuq il-kitba tagħhom permezz ta' proofreading. |

| L-Akkwist tal-Vokabularju | L-Akkwist tal-Vokabularju | It-Tisħih tal-Vokabularju | It-Tqanqil mill-Vokabularju |
|---|---|---|---|
| **4.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. | **4.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu, jaqraw jew jaraw jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. | **4.3.4** Il-vokabularju jissaħħaħ aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. Barra minn hekk jissaħħaħ il-vokabularju permezz ta' opportunitajiet ta' reċtar. | **4.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-istudenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** |
| **4.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viziva u films. | **4.2.5** Juru interess fir-rakkonti u li huma ukoll ikunu kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu, qraw, raw jew segwew. | **4.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | **4.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw, segwew, raw jew qraw, anke permezz ta' sommarji u/jew noti miktuba biex jinftakru fatti, differenzi, similaritajiet u karatteristiċi. |
| **4.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | **4.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi, eċċ. li jħobbu jisimgħu, jaqraw jew isegwu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | **4.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li qraw kemm verbalment u kif ukoll bil-kitba. | **4.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi, u fejn hu meħtieġ, b'riferenzi sempliċi. |

# PROGRAMM

# GĦAR-RABA’ SENA

# 4.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni testi li jkun fihom tagħrif dirett, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | |
| **4.1.1** Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ kemm prattiku, fiżiku u akkademiku. | Permezz ta' mistoqsijiet sempliċi wieħed għandu jmexxi lit-tfal lejn il-konċentrazzjoni. |
| Juru li minn dak li semgħu jistgħu jsibu applikazzjoni għalih b'mod integrat bil-gwida ta' l-għalliem/a. | L-għalliema għandhom jirsistu biex it-taħdit jimraħ minn suġġett għal ieħor b'mod tematiku/integrat. |
| | |
| **Jisimgħu lill-oħrajn fi gruppi jew waqt attivitajiet fi gruppi u juru li kapaċi jwieġbu għal dawk il-mistoqsijiet relevanti b'kummenti jew opinjonijiet.** | |
| **4.1.2** Juru koerenza ta' ħsieb meta jagħmlu kummenti jew ikunu lesti biex jagħtu alternattivi. | Għandha ssir enfasi biex fil-klassi kull ma jsir ikun bi skop prattiku. Għalhekk, għandhom jitħarrġu fil-prattika tar-ricerka minn sorsi varji anke mill-Internet, għalkemm mhux bil-lingwa Maltija. Hawn tidħol it-traduzzjoni awtomatika. |
| Juru li jsegwu b'attenzjoni l-kummenti, suġġerimenti alternattivi ta' ħaddieħor. | Wieħed għandu jisħaq fuq dan biex kull wieħed/waħda jsiru kelliema effettivi u parti minn udjenza effettiva. |
| Juru li kapaċi jagħtu reazzjoni/jiet għall-kummenti ta' ħaddieħor waqt li jaċċettaw il-kritika u s-suġġerimenti. | It-tfal għandhom jitħeġġu jkunu ippreparati għall-kummenti ta' l-oħrajn biex jesponu raġunijiet validi. |
| **4.1.3 Joqogħdu attenti għal stejjer, poeżiji u testi drammatiċi biex jidraw jagħtu l-impressjoni/opinjoni tagħhom fuq l-esperjenzi ta' awturi jew il-karattri mdaħħla fit-testi.** | |
| Juru li kapaċi jaraw id-differenza bejn ġeneri varji tal-letteratura. | Barra milli jisimgħu testi varji moqrija, għandhom jingħataw opportunitajiet li jisimgħu testi mill-medja biex aktar jissaħħaħ l-għarfien tal-ġeneri. |
| Juru li waqt is-smigħ ta' testi varji kapaċi jagħrfu ftit fatturi/xejriet/karatteristiċi/similaritajiet/differenzi. | Għandha ssir enfasi fuq il-karatteristiċi tal-poezija, tan-novella u tar-rumanz. |
| Juru li kapaċi jkun udjenza serja, valida u effettiva billi jagħrfu jiġbru tagħrif minn dak li semgħu jew li jafu jisiltu punti saljenti. | L-iskop prattiku tal-ġbir ta' noti għandu jkun enfasizzat. |

| | |
|---|---|
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **4.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | Għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ minn fuq il-medja awdjo/viżiva u wara jsir taħriġ il-fehem mis-smigħ b'mistoqsijiet diretti. Jekk ikun hemm il-ħtieġa l-istudenti jitħallew jieħdu noti li jkunu relevanti ma' tema/i għar-riċerka u fit-tagħlim tematiku integrat. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **4.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | Jitħallew iġibu kassetti awdjo/vidjo biex isemmgħu u jisimgħu testi preferiti. Il-mistoqsijiet għal skopijiet ta' taħriġ il-fehem m'għandhomx jonqsu. |
| **4.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | |

# 4.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jitkellmu b'mod li jagħtu għadd ta' tifsiriet qosra u diretti, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | |
| **4.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw b'mod sekwenzjali. | Għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ minn fuq il-medja awdjo/viżiva u wara jsir taħriġ il-fehem mis-smigħ b'mistoqsijiet diretti. Jekk ikun hemm il-ħtieġa l-istudenti jitħallew jieħdu noti li jkunu relevanti ma' tema/i għar-riċerka u fit-tagħlim integrat. |
| Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar l-esperjenzi, għejdut u ġrajjiet attwali. | Wieħed jisħaq biex it-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ngħataw iwassluhom lil ħaddieħor b'diskors indirett bl-użu ta': Qal, Qalet, Qalu, Qallek, Qaltlek, Qalli, Qaltli, Qalilna, Qaltilna, Smajt li…, Stqarret li…eċċ **Eż:** Qalli biex immur… Qaltli biex niġbor… Qalet li sejra… L-għalliem/a j/trid…Is-surmast spjega li… Smajt li ġejjin… Stqarret li mhix…Smajt aħbar fejn ingħad…Biex tasal trid…<br>**Dawn għandhom ikunu dejjem xprunati minn mistoqsijet.** |
| Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti, proċessi u xogħol prattiku kemm fil-klassi u kif ukoll barra minnha. | |
| **Jitkellmu ma' oħrajn fi gruppi jew waqt attivitajiet ta' gruppi relatati ma' tema/i u/jew attività prattika taħt it-tmexxija ta' wieħed/waħda minnhom.** | |
| **4.2.2** Fil-gruppi jistaqsu jew iwieġbu mistoqsijiet dwar l-attività kurrenti u jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet ukoll. | Wieħed jisħaq li t-tfal jagħtu sunti fi kliemhom dwar testi mismugħa, episodji, dokumentarji u films minn fuq il-medja u li jużaw formoli lingwistiċi. |
| Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista/i minn sħabhom stess dwar tema/attività kurrenti jew esperjenzi personali. | Għandhom isiru mistoqsijiet kemm mill-għalliem/a u mis-sħab fil-klassi. |
| Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi servejs, riċerki jew intervisti barra mill-klassi taħt il-gwida ta' l-għalliem/a | Ghandhom isiru simulazzjonijet ta' servejs waqt xogħol fi gruppi fil-klassi. L-għalliema għandhom idaħħlu l-prattika li joħorġu lit-tfal mill-ambjent tal-klassi u jeħduhom qalb il-komunità biex jagħmlu intervisti u servejs li jservu kemm għar-riċerka u għal xi proġetti marbutin ma' tema/i. It-tfal għandhom jippreparaw ruħhom b'mistoqsijiet. |

| | |
|---|---|
| Juru li kapaċi jagħmlu stqarrijiet f'isem il-grupp wara ħidma, diskussjoni jew attività prattika. | |
| **4.2.3 Jitkellmu ma' gruppi jew fi gruppi billi jagħmlu preżentazzjonijiet orali megħjuna minn illustrazzjonijiet jew grafika biex iwasslu tagħrif miksub.** | |
| Juru li kapaċi jagħtu rapporti jew rendikonti verbali ta' xi tiftix jew riċerka dwar tema jew proġett. | Fil-klassi minn bikri filgħodu jitħallew jirrepetu dak li jkun intgħallem kif ukoll jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa li hija esperjenza għalihom. Hu importanti li ma naqtgħulhomx fil-qasir jew bil-herra. Jitħallew għal ftit ħin skond regoli preskritti. Ikun tajjeb li fil-klassi jkun hemm ambjent ta' Kamra ta' l-Aħbarijiet. |
| Juru li kapaċi jitkellmu dwar ġrajjiet u esperjenzi personali fil-qasam pubbliku, sportiv, skolastiku u/jew l-ambjent tal-familja. | Jitqanqal it-taħdit b'mistoqsijiet bħal: **Min? Fejn? Meta? X'ġara?** biex jibdew jirrakkontaw l-esperjenzi. |
| Juru li waqt udjenza/i fi gruppi kapaċi jitkellmu dwar testi minn ġeneri varji u li jagħrfu jagħtu tagħrif dwar karattri, ġrajjiet u jagħtu deskrizzjonijiet. | L-estensjoni tal-letteratura għandha ukoll tkun bażi għat-tahdit. |
| Juru li kapaċi jwieġbu għal mistoqsijiet u li jkunu ippreparati b'tagħrif li jsaħħaħ l-opinjonijiet tagħhom. | Wieħed għandu jisħaq u jfakkar li fil-klassi m'għandux ikun hemm elementi ta' mistħija jew inferjorità. Kulħadd għandu d-dritt li jitlob u jistaqsi fil-parametri ta' l-ordni u r-rispett. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **4.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu, jaqraw jew jaraw jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijiet dwar testi kemm mismugħa, anke mill-medja awdjo/viżiva, kif ukoll dwar ġrajjiet/esperjenzi fil-ħajja ta' kuljum. | Fil-klassi minn bikri filgħodu jitħallew jirrepetu dak li jkun intgħallem kif ukoll jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa li hija esperjenza għalihom. Hu importanti li ma naqtgħulhomx fil-qasir jew bil-herra. Jitħallew għal ftit ħin skond regoli preskritti. Ikun tajjeb li fil-klassi jkun hemm ambjent ta' Kamra ta' l-Aħbarijiet. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **4.2.5** Juru interess fir-rakkonti u li huma ukoll ikunu kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu, qraw, raw jew segwew. | Jitħeġġu jitkellmu quddiem udjenza/i u anke jitħarrġu biex joqgħodu għal xi intervista/i u/jew jintervistaw lil xulxin. |
| **4.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi, eċċ. li jħobbu jisimgħu, jaqraw jew isegwu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | |

# 4.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jaqraw stejjer, tagħrif, listi ta' struzzjonijiet fi proċessi, kotba ta' riferenza, artikli minn gazzetti/magazins u perjodiċi, brochures u depliants.** | |
| **4.3.1** Juru li kapaċi jwieġbu mistoqsijiet diretti u inferenzjali għal skop tal-kejl tal-fehem. | Għandha ssir enfasi aktar qawwija fuq il-fehem mis-smigħ. |
| Juru li kapaċi jaqraw informazzjoni minn sorsi varji u li kapaċi jisiltu minnha l-aktar tagħrif essenzjali għal skop personali jew għal xi proġett. | Ir-riċerka għandha tkun estiża minn sorsi varji, saħansitra mill-Internet anke jekk b'lingwa oħra. |
| Juru li minn dak il-qari kapaċi jsegwu linja ta' ħsieb, struzzjonijiet, direzzjonijiet kif ukoll li jfasslu opinjoni. | |
| **Jaqraw testi varji minn ġeneri differenti skond il-gosti tagħhom dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti kemm fil-privat kif ukoll fil-pubbliku.** | |
| **4.3.2** Juru li kapaċi jaqraw minn rajhom f'kull waqt liberu kemm fil-klassi u barra minnha u li permezz tad-diskussjoni joħorġu fehmiet personali. | Il-qari għal gost għandu jkun parti essenzjali fil-ħin liberu fil-klassi ukoll. |
| Juru li kapaċi jaqraw quddiem udjenza/i testi minn ġeneri tal-gosti tagħhom u li fuq kollox ikunu kapaċi jagħmlu kummenti. | Jitħallew iwasslu fehemthom lill-udjenza/ii dwar fatti u/jew kreazzjonijiet li jkunu ltaqgħu magħhom fil-qari. |
| Juru li jkunu kunfidenti meta jaqraw testi mhux familjari u li kapaċi jiskennjaw. | |
| Juru li minn dak li jkunu qraw, barra li jkunu segwew il-linja ta' ħsieb, ikunu kapaċi jikkummentaw dwar is-sengħa ta' l-awtur. | F'dan il-livell wieħed irid jisħaq li t-tfal ikunu jafu t-tifsira ta' apprezzament, sfond, plot, karattri, eċċ. waqt kummenti dwar testi varji. |
| Juru li jagħrfu d-differenzi ta' tipi ta' testi u ġeneri diversi ta' kitba. | |

| | |
|---|---|
| **Jaqraw fi gruppi bl-iskop li jidraw jjiddiskutu u jfasslu biex itellgħu huma stess avvenimenti ta' bixra letterarja fl-iskola u barra minnha.** | |
| **4.3.3** Juru li f'kull qari espressiv jafu jagħtu tonalità, dizzjoni u lingwaġġ tal-ġisem biex toħroġ l-elokwenza. | L-għalliema għandhom jirsistu bil-qari-mudell tagħhom. |
| | It-tfal għandhom jitħeġġu joħolqu huma stess xogħlijiet sempliċi bl-idea ta' palk/reċtar. Għall-bidu jirrekjedu gwida biex jingħataw ċerti ħiliet bażiċi. |
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **4.3.4** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **4.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. Jitħallew juru ukoll l-għażliet ta' films u programmi televiżivi li jħobbu jsegwu. | |
| **4.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li qraw kemm verbalment u kif ukoll bil-kitba. | |
| **L-Imġiba favur il-Qari** | |
| **4.3.7** Juru aktar konoxxenza tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Wieħed għandu jinsisti aktar fuq il-konvenzjoni tal-ktieb. Jeħtieġ li wieħed jinsisti li jkunu jafu l-ġeneri letterarji li jippreżentaw kotba differenti. |
| Juru li għandhom gosti għal ġeneri partikolari ta' letteratura. | |
| Jagħrfu li l-libreriji fil-klassi, fl-iskola u fil-belt jew fir-raħal huma sorsi ta' taħjir għall-qari u għall-kitba. | Barra minn tislif mil-libreriji għandha tidħol l-idea ta' bdil ta' kotba bejniethom fil-klassi (book swap). |

# 4.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jiktbu sentenzi u paragrafi qsar fil-binja gradata u strutturata tal-komponimenti.** | |
| **4.4.1** Juru li jafu jpoġġu l-vokabularju f'postu f'sintassi mibnija mill-bażi u li bih jikkomunikaw fatti u ideat f'ordni sekwenzjat. | Wieħed irid jisħaq li l-espressjoni għandha tkun il-qofol ta' kitba tajba. It-taġġħrif grammatikali miksub għandu jkun rifless fil-binja sintattika. Għandu jiżdied l-użu ta' espressjonijiet idjomatiċi. |
| Juru li jafu jfasslu pjan miktub f'forma ta'raġġiera li jwassalhom jibnu l-paragrafi bl-ideat assoċjati minn waħda għall-oħra f'komponimenti sempliċi. | Il-komponiment għandu jibda bi pjan f'forma ta' raġġiera. Dan isir wara li t-tfal ikunu mqanqla jwieġbu mistoqsijiet li f'dan il-livell għandhom jistaqsu lilhom infushom. |
| Juru li kapaċi jiktbu serje ta' sentenzi/paragrafi mqanqla minn stampa/i anke fejn ikunu mġiegħla jbassru tmiem kif iħossu li huwa relevanti mas-sitwazzjoni/jiet espressa/i fl-istampa/i. | Komponimenti dwar stampi m'għandhomx ikunu biss f'ordni. Minn serje ta' stampi għandha titħalla waħda barra biex titqanqal l-immaġinazzjoni biex, allura, it-tfal jaslu jbassru. |
| Juru li minn serje ta' kliem/ frażijiet/espressjonijiet idjomatiċi mogħtija jkunu kapaċi juzawhom f'kitba kreattiva skond l-ideat imqanqla. | Għall-bidu dawn jingħataw f'ordni sekwenzjat, iżda aktar tard wieħed għandu jħalli lit-tfal joħolqu sekwenza huma skond l-ideat tagħhom. |
| **Juru li jagħrfu li l-kitba kreattiva mhix biss dik tal-komponiment.** | |
| **4.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviż ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. | Għandhom jintwerew tipi varji ta' grafika b'messaġġi u għall-ewwel wieħed iħeġġeġ lit-tfal jaħsbu biex jibdlu mqar partijiet. Wara jingħataw grafika biex huma stess jiktbu messaġġi. |
| Juru li kapaċi joħolqu djalogi relatati ma' komiks jew storja-ritratt u ukoll in-narrativa sempliċi li tmur magħhom. | Dan jista' jinbeda b'taħriġ il-fehem orali li jwassal għal din it-tip ta' kitba kreattiva. |
| Juru li jafu jiktbu ittri qsar għal xi forma ta' stedin, ta' xewqat ta' dispjaċir, ta' ringrazzjament jew ta' lment. | Għandha ssir enfasi fuq it-tipi ta' ittri li jistgħu jinkitbu, fuq il-format ta' l-ittra, il-paragrafar u l-punteġġjatura. Tajjeb li wieħed iderrihom jiktbu indirizzi fuq invilops b'punteġġjatura eżatta. |
| Juru li kapaċi jimlew formoli b'data personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali, namriet u ħajriet (speċi ta' CV). | |

| | |
|---|---|
| Juru li kapaċi jkomplu djalogu/i bi ftit sentenzi u mistoqsijiet billi jsegwu s-sekwenza ta' ġrajjiet u l-linji ta' ħsieb espresssi fit-test. | Barra mill-kitba kreattiva wieħed ikun qiegħed ikejjel il-fehem. F'dan it-tip ta' kitba trid tidħol l-enfasi fuq il-konċentrazzjoni, is-sekwenza u l-loġika. |
| **Jiktbu b'aktar konċentrazzjoni fuq is-sintassi, fuq il-formoli lingwistiċi u l-idjoma waqt li jkollhom f'moħħhom is-sentenza topika u l-ideat sekwenzjati li joħorġu minnha.** | |
| **4.4.3** Juru li mill-ħażna li jkunu akkkumulaw ikunu kapaċi jużaw firxa wiesgħa ta' vokabularju u espressjonijiet idjomatiċi li twassal għall-binja sintattika organizzata. | |
| Juru li kapaċi jixprunaw l-ideat b'mistoqsijiet lilhom infushom biex jaslu għall-binja ta' sentenzi espressivi u li permezz ta' pjan f'forma ta' raġġiera irieġu lilhom infushom biex isenslu idea/t m'oħra/ajn. | |
| Juru li mill-introduzzjoni kapaċi jibnu paragrafi li juru kontinwità u koerenza fil-ħsieb/ħsibijiet espressi. | |
| Juru li barra li jiktbu jkunu kapaċi li jagħmlu tibdil u tiswijiet fuq il-kitba tagħhom permezz ta' proofreading. | It-tfal għandhom jitħarrġu biex huma stess jiċċekkjaw sewwa kitbiethom kemm għal żbalji ortografiċi u oħrajn ta' natura grammatikali. Għandha ssir enfasi ukoll fuq il-kalligrafija. |
| **It-Tqanqil mill-Vokabularju** | |
| **4.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-studenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. | Jinħolqu sitwazzjonijiet li jixbhu sew ir-realtà tal-ħajja. Kultant ikun tajjeb li jinħarġu mill-klassi u jittieħdu qalb il-komunità biex jagħmlu intervisti fuq mistoqsijiet li jkunu kitbu kif ukoll jiktbu rapporti. |
| **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** | |
| **4.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw, segwew, raw jew qraw, anke permezz ta' sommarji u/jew noti miktuba biex jinftakru fatti, differenzi, similaritajiet u karatteristiċi. | Il-kitba, bħall-qari, m'għandhiex tkun marbuta ma' ħin. It-tfal għandhom jitħalllew liberi f'waqtiet tal-jum biex jiktbu skond il-ħajriet tagħhom. |
| **4.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi, u fejn hu meħtieġ, b'riferenzi sempliċi. | Fil-kitba għandu jkun hemm rifless kull tagħlim ta' regoli. Waqt korrezzjoni u/jew assessjar it-tfal għandhom jagħtu sehemhom billi jsibu huma ukoll l-iżbalji tagħhom. |

# IL-ĦAMES SENA

# MIRI TA’ TAGĦLIM

# GĦALL-ĦAMES SENA

| 5.1 SMIGĦ | 5.2 TAĦDIT | 5.3 QARI | 5.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Joqogħdu attenti għal testi li jkun fihom tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet u li juru li fehmuhom.** | **Jitkellmu b'mod li jagħtu għadd ta' tifsiriet qosra u diretti, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jaqraw kull tagħrif, struzzjonijiet, direzzjonijiet u kull informazzjoni minn kotba ta' referenza inklużi enċiklopediji, gazzetti, magażins, u testi varji bi skop ukoll għal taħriġ il-fehem.** | **Jiktbu sentenzi sempliċi u kumplesi f'paragrafi u f'komponimenti fejn juru li għal skopijiet prattiċi kapaċi jesponu b'organizazzjoni u b'koerenza fatti u ideat b'vokabularju meqjus u f'postu.** |
| **5.1.1** Juru li minn dak li jisimgħu jagħrfu jagħmlu għażla jew jieħdu deċiżjonijiet. | **5.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu b'mod sekwenzjali dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw. | **5.3.1** Juru li kapaċi jfittxu b'mod alfabetiku kliem/tifsir, tagħrif minn sorsi varji, inklużi listi elenkati eċċ. | **5.4.1** Juru li kapaċi jiktbu sentenzi sempliċi u/jew kumplessi fejn juru sekwenza u assoċjazzjoni ta' ideat. |
| Jisimgħu kif minn diskussjoni bejn tnejn jew aktar jistgħu jiżviluppaw linja/i ta' ħsieb. | Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar l-esperjenzi, għejdut u ġrajjiet attwali. | Juru li kapaċi jaqraw kull tagħrif li jsibu minn sorsi differenti u li jifhmu t-tifsir ta' kliem, frażijiet u espressjonijiet mill-kuntest. | Juru li qabel il-kitba (Pre-Writing) jagħmlu eżerċizzju ta' pjan f'forma ta' raġġiera fejn permezz ta' mistoqsijiet lilhom infushom ifasslu l-qafas tal-komponiment. |
| | | | Juru li b'mod sempliċi kapaċi jiktbu sentenza topika f'introduzzjoni u li minnha jsenslu sentenzi u paragrafi mibnija fuq sekwenza ta' ideat fil-qafas tal-komponiment. |
| Juru li minn dak li jisimgħu ikunu kapaċi jfasslu opinjoni dwar fatti jew invenzjonijiet (fact/fiction). | Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti, proċessi u xogħol prattiku kemm fil-klassi kif ukoll barra minnha. | Juru li kapaċi jwieġbu mistoqsijiet diretti dwar testi varji li jaqraw, inklużi brochures/depliants u avviżi, u li jafu jisiltu tagħrif essenzjali u relevanti ma' tema/i għal xi proġett/i. | Juru qabda soda fuq firxa wiesgħa ta' vokabularju u espressjonijiet idjomatiċi li tgħinhom fl-organizazzjoni ta' l-ideat u fil-preżentazzjoni ġenerali tal-komponiment. |

| **Jisimgħu b'attenzjoni fi gruppi ta' tnejn jew aktar, anke waqt attivitajiet fi gruppi, u jfasslu mistoqsijiet biex jistaqsu b'mod relevanti u mbagħad juru li jappoġġjaw opinjoni/jiet jew joffru opinjoni/jiet alternattivi.** | **Jitkellmu ma' oħrajn fi gruppi jew waqt xi attività u jagħtu sehemhom għall-għan ta' dik l-attività.** | **Jaqraw għal gost minn ġeneri varji tal-letteratura u juru li kapaċi jagħtu opinjoni personali sew bil-kliem kif ukoll bil-kitba.** | **Jiktbu frażijiet, messaġġi, sentenzi, paragrafi u komponimenti mqanqlin minn tpinġijiet, ritratti, stampi, komiks u grafika marbuta ma' l-ambjent.** |
|---|---|---|---|
| **5.1.2** Jisimgħu taħdita, lekċer, diskussjoni eċċ., u jieħdu notamenti li jservu għal taħdit personali aktar 'il quddiem. | **5.2.2** Juru li kapaċi jistaqsu u jwieġbu b'mod relevanti ma' tema/i jew linja/i ta' ħsieb f'diskussjoni. | **5.3.2** Juru li kapaċi jaqraw b'mod indipendenti kotba u/jew testi varji u li kapaċi jisiltu punti saljenti dwar l-istorja inklużi l-isfond, il-plot, l-ambjent u l-karattri. | **5.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviż ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. |
| Juru li fi gruppi kapaċi jisimgħu lil xulxin u jagħmlu mistoqsijiet dwar tema/i li jkomplu jqanqlu interess fis-smigħ. | Juru li kapaċi jikkummentaw b'loġika u b'mod koerenti favur jew kontra l-ideat ta' l-oħrajn u billi juru li huma konxji mill-ħsibijiet/fehmiet jew sentimenti ta' l-oħrajn. | Juru li kapaċi jaqraw testi varji b'mod indipendenti u li mad-daqqa t'għajn isibu, jagħrfu u jisiltu punti ewlenin dwar it-testi mqanqla sew minn mistoqsijiet jew minn rajhom biex isaħħu opinjoni. | Juru li minn karikatura, reklam, strippa-komik ikunu kapaċi jifhmu messaġġ u jesponu l-ideat li jqanqlulhom. |
| Juru li fi gruppi jieħdu inkarigu bħala mexxejja (leader u/jew rapporteur) u juru li kapaċi jwasslu l-konklużjonijiet u deċiżjonijiet lill-għalliem/a u lil sħabhom l-oħra fil-klassi. | Juru li waqt taħdit/smigħ ikunu lesti għar-reazzjonijiet ta' ħaddieħor bi preparazzjoni għat-tisħiħ ta' l-argument fuq linja ta' ħsieb u/jew opinjoni. | Juru li meta jaqraw jagħrfu d-differenzi bejn tipi differenti ta' testi sempliċi: stejjer, poeżiji, drama, listi bi struzzjonijiet, proċessi, u testi informattivi minn sorsi ta' xjenza, kultura, storja eċċ. | Juru li kapaċi jsegwu linja/i ta' ħsieb minn fuq serje ta' stampi, ritratti kif ukoll komiks u storja-ritratti u jaslu biex jiktbu dwarhom. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Juru li kapaċi jkomplu u/jew joħolqu djalogi bi kliem/frażijiet/sentenzi, mistoqsijiet u esklamazzjonijiet addattati u li għandhom ikunu abbinati ma' komiks u storja-ritratti filwaqt li jkunu fehmu messaġġi u linja/i ta' ħsieb. |
| **Joqogħdu attenti għal għadd ta' stejjer, poeżiji, testi drammatiċi eċċ. mismugħa minn sorsi differenti inkluża l-medja awdjo/viżiva u juru li huma udjenza effettiva.** | **Jitkellmu ma' gruppi jew fi gruppi billi jagħmlu preżentazzjonijiet orali anke maħsuba minn qabel u megħjuna minn illustrazzjonijiet/grafika.** | **Jaqraw fi gruppi ta' tnejn jew aktar bl-iskop li minn dak il-qari jaslu biex jaddattaw attivitajiet letterarji sempliċi bħal preżentazzjonijiet, mima u reċtar u li jkunu kapaċi jiffaċċjaw udjenza.** | **Jiktbu bi skopijiet varji u prattiċi fejn il-kitba tkun aktar espressiva, funzjonali u aktar espositorja.** |
| **5.1.3** Juru li kapaċi japprezzaw b'mod estensiv sew it-testi, il-karattri, l-isfond u li jagħrfu l-linja didattika fi storja. | **5.2.3** Juru li għandhom il-ħila li jippreżentaw flimkien taħdit, reċti, avviżi, struzzjonijiet, direzzjonijiet, proċessi li jkunu addattaw għall-apprezzament u/jew informazzjoni ta'/għal ħaddieħor. | **5.3.3** Juru li kapaċi jaqraw fi gruppi jew bejn gruppi biex juru l-qabda fuq id-dizzjoni, it-tonalità, l-elokwenza u l-lingwaġġ tal-ġisem. | **5.4.3** Juru li kapaċi jiktbu tipi varji ta' ittri kemm għall-posta tradizzjonali u għall-posta elettronika bħal: ta' stedin, ta' ilment, ta' xewqat, ta' dispjaċir, ta' ringrazzjament, ta' informazzjoni u ta' suġġerimenti. |
| Juru li kapaċi jqabblu s-sentimenti espressi fit-testi ma' esperjenzi personali. | Juru li bħala membri fi grupp, bi rwoli speċifiċi, ikunu kapaċi jagħmlu stqarrijiet ta' tagħrif, direzzjonijiet u/jew struzzjonijiet. | Juru li minn dak li qraw ikunu kapaċi jagħtu interpretazzjonijiet ta' reċtar/mima quddiem udjenza/i. | Juru li kapaċi jimlew formoli t'applikazzjoni jew f'xi eżerċizzju ta' servej b'data personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali, namriet u ħajriet (speċi ta' CV). |
| Juru li kapaċi jaslu biex jipparagunaw il-mod/i kif ikunu espressi messaġġi u/jew ideat f'testi minn ġeneri varji. | Juru li kapaċi jagħmlu rapporti verbali, anke wara kitba, dwar ġrajjiet u avvenimenti li jkunu segwew minn għejdut, jew milli qraw jew raw. | Juru li quddiem sħabhom fi grupp ikunu kapaċi jaqraw testi varji, tagħrifiet, avviżi, direzzjonijiet u struzzjonijiet bi skop li jixprunaw attività fi ħdan il-grupp. | Juru li kapaċi jiktbu avviżi, proċessi, tagħrif għal xi brochures, artikli, intervisti u rapporti dwar avvenimenti anke megħjuna minn ideat u grafika mill-INTERNET. |

| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħih tal-Vokabularju** | **It-Tqanqil mill-Vokabularju** |
|---|---|---|---|
| **5.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | **5.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu, jaqraw jew jaraw jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijiet dwar testi kemm mismugħa, anke mill-medja awdjo/viżiva kif ukoll dwar ġrajjiet u esperjenzi fil-ħajja ta' kuljum. | **5.3.4** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | **5.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra. L-istudenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** |
| **5.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | **5.2.5** Juru interess fir-rakkonti u juru li huma ukoll ikunu kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu, qraw, raw jew segwew. | **5.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. Jitħallew juru wkoll l-għażliet ta' films u programmi televiżivi li jħobbu jsegwu. | **5.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw, segwew, raw jew qraw, anke permezz ta' sommarji u/jew noti miktuba biex jinftakru fatti, differenzi u karatteristiċi. |
| **5.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | **5.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi eċċ. li jħobbu jisimgħu, jaqraw jew isegwu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | **5.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li qraw kemm verbalment u kif ukoll bil-kitba. | **5.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi, u fejn hu meħtieġ, b'referenzi sempliċi. |

# PROGRAMM

# GĦALL-ĦAMES SENA

## 5.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Joqogħdu attenti għal testi li jkun fihom tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet u li juru li fehmuhom.** | |
| **5.1.1** Juru li minn dak li jisimgħu jagħrfu jagħmlu għażla jew jieħdu deċiżjonijiet. | Għandha ssir enfasi fuq id-differnza bejn fatti, opinjonijiet u invenzjonijiet (immaġinazzjonijiet). |
| Jisimgħu kif minn diskussjoni bejn tnejn jew aktar jistgħu jiżviluppaw linja/i ta' ħsieb. | |
| Juru li minn dak li jisimgħu ikunu kapaċi jfasslu opinjoni dwar fatti jew invenzjonijiet (fact/fiction). | |
| **Jisimgħu b'attenzjoni fi gruppi ta' tnejn jew aktar, anke waqt attivitajiet fi gruppi, u jfasslu mistoqsijiet biex jistaqsu b'mod relevanti u mbagħad juru li jappoġġjaw opinjoni/jiet jew joffru opinjoni/jiet alternattivi.** | |
| **5.1.2** Jisimgħu taħdita, lekċer, diskussjoni eċċ., u jieħdu notamenti li jservu għal taħdit personali aktar 'il quddiem. | Għandhom ikunu mgħallma tattiċi sempliċi kif wieħed jieħu notamenti qsar u sempliċi. |
| Juru li fi gruppi kapaċi jisimgħu lil xulxin u jagħmlu mistoqsijiet dwar tema/i li jkomplu jqanqlu interess fis-smigħ. | |
| Juru li fi gruppi jieħdu inkarigu bħala mexxejja (leader u/jew rapporteur) u juru li kapaċi jwasslu l-konklużjonijiet u deċiżjonijiet lill-għalliem/a u lil sħabhom l-oħra fil-klassi. | |
| **Joqogħdu attenti għal għadd ta' stejjer, poeżiji, testi drammatiċi eċċ mismugħa minn sorsi differenti inkluża l-medja awdjo/viżiva u juru li huma udjenza effettiva.** | |
| **5.1.3** Juru li kapaċi japprezzaw b'mod estensiv sew it-testi, il-karattri, l-isfond u li jagħrfu l-linja didattika fi storja. | |
| Juru li kapaċi jqabblu s-sentimenti espressi fit-testi ma' esperjenzi personali. | |
| Juru li kapaċi jaslu biex jipparagunaw il-mod/i kif ikunu espressi messaġġi u/jew ideat f'testi minn ġeneri varji. | |

| | |
|---|---|
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **5.1.4** Aktar ma l-istudenti jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn studenti oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | Għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ minn fuq il-medja awdjo/viżiva u wara jsir taħriġ il-fehem mis-smigħ b'mistoqsijiet diretti. Jekk ikun hemm il-ħtieġa l-istudenti jitħallew jieħdu noti li jkunu relevanti ma' tema/i ġħar-riċerka u fit-tagħlim tematiku integrat. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **5.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u ta' ġeneri varji kif ukoll lejn smigħ u wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | |
| **5.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | |

## 5.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jitkellmu b'mod li jagħtu għadd ta' tifsiriet qosra u diretti, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | |
| **5.2.1** Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw b'mod sekwenzjali. | Għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ minn fuq il-medja awdjo/viżiva u wara jsir taħriġ il-fehem mis-smigħ b'mistoqsijiet diretti. Jekk ikun hemm il-ħtieġa l-istudenti jitħallew jieħdu noti li jkunu relevanti ma' tema/i għar-riċerka u fit-tagħlim integrat. |
| Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar l-esperjenzi, għejdut u ġrajjiet attwali. | Wieħed jisħaq biex it-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ngħataw iwassluhom lil ħaddieħor b'diskors indirett bl-użu ta': Qal, Qalet, Qalu, Qallek, Qaltlek, Qalli, Qaltli, Qalilna, Qaltilna, Smajt li…, Stqarret li…eċċ. **Eż:** Qalli biex immur… Qaltli biex niġbor… Qalet li sejra… L-għalliem/a j/trid…Is-surmast spjega li… Smajt li ġejjin… Stqarret li mhix…Smajt aħbar fejn ingħad…Għoġobni/Għoġbitni…Biex tasal trid… **Dawn għandhom ikunu dejjem xprunati minn mistoqsijet.** |
| Juru li kapaċi jagħtu struzzjonijiet u direzzjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet, movimenti, proċessi u xogħol prattiku kemm fil-klassi kif ukoll barra minnha. | |
| **Jitkellmu ma' oħrajn fi gruppi jew waqt xi attività u jagħtu sehemhom għall-għan ta' dik l-attività.** | |
| **5.2.2** Juru li kapaċi jistaqsu u jwieġbu b'mod relevanti ma' tema/i jew linja/i ta' ħsieb f'diskussjoni. | Wieħed jisħaq li t-tfal jagħtu sunti fi kliemhom dwar testi mismugħa, episodji, dokumentarji u films minn fuq il-medja u li jużaw formoli lingwistiċi. |
| Juru li kapaċi jikkummentaw b'loġika u b'mod koerenti favur jew kontra l-ideat ta' l-oħrajn u billi juru li huma konxji mill-ħsibijiet/fehmiet jew sentimenti ta' l-oħrajn. | Għandhom isiru mistoqsijiet kemm mill-għalliem/a u mis-sħab fil-klassi |
| Juru li waqt taħdit/smigħ ikunu lesti għar-reazzjonijiet ta' ħaddieħor bi preparazzjoni għat-tisħiħ ta' l-argument fuq linja ta' ħsieb u/jew opinjoni. | Għandom isiru simulazzjonijet ta' servejs waqt xogħol fi gruppi fil-klassi. L-għalliema għandhom idaħħlu l-prattika li joħorġu lit-tfal mill-ambjent tal-klassi u jeħduhom qalb il-komunità biex jagħmlu intervisti u servejs li jservu kemm għar-riċerka u għal xi proġetti marbutin ma' tema/i. It-tfal għandhom jippreparaw ruħhom minn qabel b'mistoqsijiet addattati. |

| | |
|---|---|
| **Jitkellmu ma' gruppi jew fi gruppi billi jagħmlu preżentazzjonijiet orali anke maħsuba minn qabel u megħjuna minn illustrazzjonijiet/grafika.** | |
| **5.2.3** Juru li għandhom il-ħila li jippreżentaw flimkien taħdit, reċti, avviżi, struzzjonijiet, direzzjonijiet, proċessi li jkunu addattaw għall-apprezzament u/jew informazzjoni ta'/għal ħaddieħor**.** | Id-drama u r-reċtar kif ukoll tagħlim integrat fi stejjer/drama (story mode) għandhom ikunu l-prijoritajiet. |
| Juru li bħala membri fi grupp, bi rwoli speċifiċi, ikunu kapaċi jagħmlu stqarrijiet ta' tagħrif, direzzjonijiet u/jew struzzjonijiet. | |
| Juru li kapaċi jagħmlu rapporti verbali, anke wara kitba, dwar ġrajjiet u avvenimenti li jkunu segwew minn għejdut, jew milli qraw jew raw. | |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **5.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu, jaqraw jew jaraw jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijiet dwar testi kemm mismugħa, anke mill-medja awdjo/viżiva kif ukoll dwar grajjiet u esperjenzi fil-ħajja ta' kuljum. | Fil-klassi jitħallew minn bikri filgħodu sew biex jirrepetu dak li jkun intgħallem kif ukoll biex jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa li hija esperjenza għalihom. Hu importanti li ma naqtgħulhomx fil-qasir jew bil-herra. Jitħallew għal ftit ħin skond regoli preskritti. Ikun tajjeb li fil-klassi jkun hemm ambjent ta' Kamra ta' L-Aħbarijiet. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **5.2.5** Juru interess fir-rakkonti u juru li huma ukoll kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti saljenti minn dak li semgħu, qraw, raw jew segwew. | Jitħeġġu jitkellmu quddiem udjenza/i u anke jitħarrġu biex joqogħdu għal xi intervista u/jew jintervistaw lil xulxin. |
| **5.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar ġeneri ta' rakkonti, rapporti, programmi, eċċ. li jħobbu jisimgħu, jaqraw jew isegwu u li jagħrfu jiddiskutuhom. | |

## 5.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jaqraw kull tagħrif, struzzjonijiet, direzzjonijiet u kull informazzjoni minn kotba ta' referenza inklużi enċiklopediji, gazzetti, magażins, u testi varji bi skop ukoll għal taħriġ il-fehem.** | |
| **5.3.1** Juru li kapaċi jfittxu b'mod alfabetiku kliem/tifsir, tagħrif minn sorsi varji inklużi listi elenkati eċċ. | Għandu jiġi enfasiżżat l-użu tad-dizzjunarju. Minn hemm wieħed ikompli miexi lejn direttorji u indiċi f'kotba |
| Juru li kapaċi jaqraw kull tagħrif li jsibu minn sorsi differenti u li jifhmu t-tifsir ta' kliem, frażijiet u espressjonijiet mill-kuntest. | Ir-riċerka għandha tkun estiża minn sorsi varji, saħansitra mill-Internet anke jekk b'lingwa oħra. |
| Juru li kapaċi jwieġbu mistoqsijiet diretti dwar testi varji li jaqraw inklużi brochures/depliants u avviżi u li jafu jisiltu tagħrif essenzjali u relevanti ma' tema/i għal xi proġett/i. | |
| **Jaqraw għal gost minn ġeneri varji tal-letteratura u juru li kapaċi jagħtu opinjoni personali sew bil-kliem kif ukoll bil-kitba.** | |
| **5.3.2** Juru li kapaċi jaqraw b'mod indipendenti kotba u/jew testi varji u li kapaċi jisiltu punti saljenti dwar l-istorja inklużi l-isfond, il-plot, l-ambjent u l-karattri. | Għandha tinfirex aktar il-kitba dwar plots, sfond, stejjer, karattri u eroj f'apprezzamenti (BOOK REVIEWS) ta' kotba moqrija. |
| Juru li kapaċi jaqraw testi varji b'mod indipendenti u li mad-daqqa t'għajn isibu, jagħrfu u jisiltu punti ewlenin dwar it-testi mqanqla sew minn mistoqsijiet jew minn rajhom biex isaħħu opinjoni. | |
| Juru li meta jaqraw jagħrfu d-differenzi bejn tipi differenti ta' testi sempliċi: stejjer, poeżiji, drama, listi bi struzzjonijiet, proċessi, u testi informattivi minn sorsi ta' xjenza, kultura, storja eċċ. | Dan għandu jkun fil-metodoloġija ta' l-approċċ tematiku/integrat biex tissaħħaħ l-inklinazzjoni lejn il-qari skond il-gosti u skond il-ħtiġiet. |
| **Jaqraw fi gruppi ta' tnejn jew aktar bl-iskop li minn dak il-qari jaslu biex jaddattaw attivitajiet letterarji sempliċi bħal preżentazzjonijiet, mima u reċtar u li jkunu kapaċi jiffaċċjaw udjenza.** | |

| | |
|---|---|
| **5.3.3** Juru li kapaċi jaqraw fi gruppi jew bejn gruppi biex juru l-qabda fuq id-dizzjoni, it-tonalità, l-elokwenza u l-lingwaġġ tal-ġisem. | Għandhom jitħajru jipproduċu xi forom ta' reċtar, mima u preżentazzjonijiet li joħorġulhom it-talenti individwali. |
| Juru li minn dak li qraw ikunu kapaċi jagħtu interpretazzjonijiet ta' reċtar/mima quddiem udjenza/i. | |
| Juru li quddiem sħabhom fi grupp/i ikunu kapaċi jaqraw testi varji, tagħrifiet, avviżi, direzzjonijiet u struzzjonijiet bi skop li jixprunaw attività fi ħdan il-grupp. | |
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **5.3.4** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għal gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk opportunitajiet għandhom jinħolqu kostantement fejn l-istudenti jaqraw mhux quddiem sħabhom fil-klassi biss, iżda quddiem udjenzi varji. | |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **5.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. Jitħallew juru wkoll l-għażliet ta' films u programmi televiżivi li jħobbu jsegwu. | |
| **5.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom għal xi ġeneru partikolari u juru li jafu jagħtu sunt ta' dak li qraw kemm verbalment u kif ukoll bil-kitba. | |
| **L-Imġiba favur il-Qari** | |
| **5.3.7** Juru aktar konoxxenza tal-konvenzjoni tal-ktieb. | |
| Juru li għandhom gosti għal ġeneri partikolari ta' letteratura. | |
| Jagħrfu li l-libreriji fil-klassi, fl-iskola u fil-belt jew fir-raħal huma sorsi ta' taħjir għall-qari u għall-kitba. | |

## 5.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jiktbu sentenzi sempliċi u kumplessi f'paragrafi u f'komponimenti fejn juru li għal skopijiet prattiċi kapaċi jesponu b'organizazzjoni u b'koerenza fatti u ideat b'vokabularju meqjus u f'postu.** | |
| **5.4.1** Juru li kapaċi jiktbu sentenzi sempliċi u/jew kumplessi fejn juru sekwenza u assoċjazzjoni ta' ideat. | |
| Juru li qabel il-kitba (Pre-Writing) jagħmlu eżerċizzju ta' pjan f'forma ta' raġġiera fejn permezz ta' mistoqsijiet lilhom infushom ifasslu l-qafas tal- komponiment. | Għandha ssir enfasi aktar qawwija fuq il-format tal-komponiment, jiġifieri, l-introduzzjoni, il-qafas u l-konklużjoni. |
| Juru li b'mod sempliċi kapaċi jiktbu sentenza topika f'introduzzjoni u li minnha jsenslu sentenzi u paragrafi mibnija fuq sekwenza ta' ideat fil-qafas tal-komponiment. | |
| Juru qabda soda fuq firxa wiesgħa ta' vokabularju u espressjonijiet idjomatiċi li tgħinhom fl-organizazzjoni ta' l-ideat u fil-preżentazzjoni ġenerali tal-komponiment. | |
| **Jiktbu frażijiet, messaġġi, sentenzi, paragrafi u komponimenti mqanqlin minn tpinġijiet, ritratti, stampi, komiks u grafika marbuta ma' l-ambjent.** | |
| **5.4.2** Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slogan, f'reklam, jew f'avviz ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi. | Għandhom jitħarrġu jiktbu versi sempliċi u irrimati li jkunu jwasslu messaġġ. |
| Juru li minn karikatura, reklam, comic-strip ikunu kapaċi jifhmu messaġġ u jesponu l-ideat li jqanqlulhom. | |
| Juru li kapaċi jsegwu linja/i ta' ħsieb minn fuq serje ta' stampi, ritratti kif ukoll komiks u storja-ritratti u jaslu biex jiktbu dwarhom. | |
| Juru li kapaċi jkomplu u/jew joħolqu djalogi bi kliem/frażijiet/sentenzi, mistoqsijiet u esklamazzjonijiet addattati u li għandhom ikunu abbinati ma' komiks u storja-ritratti filwaqt li jkunu fehmu messaġġi u linja/i ta' ħsieb**.** | Id-djalogu/i għandu/għandhom jingħata/w bħala testi għal taħriġ il-fehem u bħala komponiment/i ukoll. |

| | |
|---|---|
| **5.4.3** Juru li kapaċi jiktbu tipi varji ta' ittri kemm għall-posta tradizzjonali u għall-posta elettronika bħal: ta' stedin, ta' ilment, ta' xewqat, ta' dispjaċir, ta' ringrazzjament, ta' informazzjoni u ta' suġġerimenti. | Għandha ssir enfasi fuq it-tipi ta' ittri li jistgħu jinkitbu, fuq il-format ta' l-ittra, il-paragrafar u l-punteġġjatura. Tajjeb li wieħed iderrihom jiktbu indirizzi fuq invilops b'punteġġjatura eżatta. |
| Juru li kapaċi jimlew formoli t'applikazzjoni jew f'xi eżerċizzju ta' servej b'data personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali, namriet u ħajriet (speċi ta' CV). | Għandhom jitpoġġew quddiem it-tfal formoli varji. Dawn jinstabu kull fejn indawru wiċċna: f'gazzetti, magazins, brochures, perjodiċi, anke ma' prodotti fis-Supermarket. Jistgħu jinkisbu formoli t'aplikazzjonijiet varji anke minn logħob fil-gazzetti biex jidraw jużaw il-lingwa b'mod aktar funzjonali. |
| Juru li kapaċi jiktbu avviżi, proċessi, tagħrif għal xi brochures, artikli, intervisti u rapporti dwar avvenimenti anke megħjuna minn ideat u grafika mill-Internet. | |
| **It-Tqanqil mill-Vokabularju** | |
| **5.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>L-istudenti għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. | |
| **Attitudnijiet lejn it-tagħlim** | |
| **5.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat ta' sentenzi u paragrafi dwar dak li semgħu, innotaw, segwew, raw jew qraw, anke permezz ta' sommarji u/jew noti miktuba biex jinftakru fatti, differenzi u karatteristiċi. | |
| **5.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' sentenzi u paragrafi f'sekwenza u fl-aħħar bl-użu ta' forom lingwistiċi, konġunzjonijiet u espressjonijiet idjomatiċi, u fejn hu meħtieġ, b'referenzi sempliċi. | |

# GRAMMATIKA

| **MEDDA TA' MIRI** | **NURSERY 2** | **L-EWWEL SENA** | **IT-TIENI SENA** | **IT-TIELET SENA** | **IL-RABA' SENA** | **IL-ĦAMES SENA** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **In-Nom** | Għaqqad is-sillabi:<br>eż: ti-fel = tifel<br>ma-ra = mara | | | | | |
| | Sib/Keċċi l-kelma li ma taqbilx:<br>mara, tifel, raġel<br>tuta, fulu, ħuta | | | | | |
| | Sib il-ħbieb<br>tuta ⟶ ħuta<br>dar ⟶ nar | | | | | |
| | Irranġa l-ittri<br>(Sib il-kliem)<br>(Qabbel ma' stampi)<br>lakos = skola<br>xakxa = kaxxa | | | | | |
| | Kompli l-kelma<br>(Żid Sillaba)<br>ġe-___ ; ti-___<br>kar-___; siġ-___ | | | | | |
| | Ikteb **Iva** jew **Le**<br>Kelb sufi……**IVA**<br>Siġra kaxxa…**Le** | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-jiem tal-ġimgħa f'kuntesti ta' smigħ bl-iskop t'għarfien u ta' relazzjoni ma' ħidma u attivitajiet:<br>It-Tnejn niġu l-iskola.<br>Il-Ħadd immoru l-knisja.<br>Nhar it-Tnejn… | Il-jiem tal-ġimgħa<br>a. waħidhom<br>b. f'sentenzi<br>ċ. f'kuntesti ta' dati<br>d. marbuta mal-mistoqsija **Meta?**<br>Għarfien tax-xhur u ta' l-istaġuni: f'kuntesti relatati ma' festi jew meħudin minn stampi u stejjer<br>Id-dati:<br>Il-Milied jiġi fil-25 ta' Diċembru | Il-jiem tal-ġimgħa<br>a. waħidhom<br>b. f'sentenzi<br>ċ. f'kuntesti ta' dati<br>d. marbuta mal mistoqsija **Meta?**<br>e. marbuta m'avvenimenti ta' festi pubbliċi u ġrajjiet storiċi.<br>Ix-xhur waħidhom kif ukoll l-istaġuni marbutin max-xhur, meta jibdew u jispiċċaw | | | |
| | | Kliem ħafif bl-***ie***<br>a. b'sillaba waħda<br>bieb, wied, qies<br>b. b'żewġ sillabi<br>bibien, ġirien, widien | | | | |
| | | Kliem ħafif bil-***għ*** fil-bidu biss:<br>għajn, għatu, għeneb, għasfur | Kliem bil-***għ*** fin-nofs:<br>mogħoż, bogħod, lagħab, qagħad | | | |
| | | Kliem ħafif bil-***h*** fil-bidu biss:<br>hu, huwa, hi, hija, huma, hena, | Kliem bil-h (akka) fin-nofs:<br>deheb, sehem, xahar,<br>deher, fehem | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ismijiet komuni:<br>Xinhu?<br>Nies, annimali, postijiet, ħwejjeġ<br>Ħożż sing taħt l-ismijiet ta'…<br>It-tifel mar għand it-tabib.<br>Il-qattusa sabet ġurdien fil-ħofra.<br>Fit-triq hemm djar u ħwienet.<br>Il-mara xtrat ġobon, butir u ħobż. | | | |
| | | | Ismijiet proprji:<br>Min hu/hi?<br>X'jismu/jisimha?<br>Jisimni Pawlu u oħti jisimha Gerit.<br>Xtrajna karozza Opel.<br>Il-kelb jismu Rex.<br>Frar hu t-tieni xahar.<br>Enfasi fuq l-ittri Kapitali | Ismijiet proprji ta':<br>jiem, xhur, staġuni, dati sħaħ, ismijiet ta' toroq, bliet u rħula, pajjiżi, indirizzi, xmajjar eċċ | | |
| | | | | Tnissil ta' nomi minn verbi<br>Trilitteri Sħaħ:<br>ħataf – ħatfa<br>gidem – gidma<br>lagħab – logħba | Tnissil ta' nomi minn nomi:<br>ktieb – kitba<br>sajd – sajda<br>qbid – qabda<br>tajr – tajra | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Tifsir jew Kelma waħda minflok:<br>jaqbad il-ħut = sajjied<br>iħit il-ħwejjeġ = ħajjat<br>iwassal l-ittri = pustier | | Għadd Imtenni<br>a. Partijiet tal-ġisem:<br>għajn – għajnejn<br>sieq – saqajn<br>widna – widnejn<br>riġel – riġlejn<br>driegħ – dirgħajn<br>id – idejn, eċċ<br>Agħti l-Plural tal-kelma fil-parentesi<br>Trid par (għajn) biex taqrah.<br>Ġużi kisser (widna) il-važun.<br>b. Kliem ieħor:<br>daqqa – daqqtejn<br>siegħa – sagħtejn<br>kelma – kelmtejn<br>wiżna – wiż**i**ntejn<br>ġimgħa – ġim**a**għtejn ,eċċ<br>**(Innota l-vokali tal-leħen.)**<br>ċ. Taħriġ bħal ta' qablu. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | L-Għadd f’kuntest u marbut ma’ esperjenzi mill-ħajja tat-tfal. | L-Għadd (Kliem ħafif b’sillaba waħda):<br>kelb – klieb<br>belt – bliet<br>dar – djar<br>bir – bjar<br>ħmar – ħmir<br>fenek – fniek<br>tifla - bniet<br>a. Ikteb il-Plural (F’kuntest ta’ sentenzi)<br>Il-**kelb** qam.<br>Il-_____qamu.<br>It-**tifla** ġiet.<br>Il-_____ ġew.<br>Ikteb is-Singular<br>b. (Bil-maqlub ta’ dawn ta’ fuq)<br>Il-**bjar** faru.<br>Il-_____ far. | Għadd (Plural Sħiħ)<br>baħri –baħrin<br>suldat – suldati<br>fjura –fjuri/iet<br>wied – widien<br>bieb – bibien, eċċ<br>Ikteb il-Plural tal-kliem b’sing taħtu.<br>Rajt il-baħri.<br>Kellimt lis-suldat.<br>Ġbart il-fjura.<br>Rajt il-baħri fuq il-vapur.<br>Kellimt lis-suldat fil-festa.<br>Ġbart il-fjura mill-wied.<br>Taħriġ b’dawn isir f’kuntest. | Għadd<br>a. Differenza bejn:<br>fjura – fjuri – fjuriet<br>werqa – weraq – werqiet<br>siġra – siġar – siġriet, eċċ<br>b.Plural ta’ nomi bħal:<br>bniedem – bnedmin<br>ħalliel – ħallelin<br>sieġha – sigħat<br>qiegħ – qigħan | Għadd (Miksur)<br>fqir – foqra<br>raġel - rġiel<br>ġemel – iġmla<br>barmil – bramel<br>skola – skejjel<br>mejda – mwejjed<br>eċċ<br>Ikteb il-plural tal-kliem b’sing taħthom.<br>Rajna raġel fqir.<br>F’Tuneż irkibna l-ġemel.<br>Ilmaħna s-seqer fil-għoli. |
| | | Il-Ġens f’kuntest u marbut ma’ esperjenzi mill-ħajja tat-tfal. | Il-Ġens (Kliem ħafif):<br>kelb- kelba<br>fenek – fenka<br>ħmar – ħmara<br>papru – papra<br>F’kuntest ta’ sentenzi<br>Daħħal il-kelma li tkun maskil jew femminil.<br>Il-kelb u l-_____ ġrew wara t-tfal.<br>Il-_____ u l-ħmar kienu fl-għalqa. | Il-Ġens (Kliem itqal):<br>żiemel – debba<br>muntun – nagħġa<br>bodbod – mogħża<br>Taħriġ b’dawn isir f’kuntest ukoll. | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ġemgħat jew Kollettivi:<br>merħla nagħaġ<br>merħla mogħoż<br>boton żrameġ<br>flotta vapuri<br>serbut nemel<br>folla nies, eċċ<br>a. Daħħal in-nom li juri ġemgħa.<br>Il-fenka għandha ______ żrameġ.<br>Fil-port daħlet ______ vapuri.<br>b. Daħħal in-nom nieqes.<br>Fil-pjazza kien hemm ______ nies.<br>Rajt ______ nemel miexi taħt is-siġra.<br>Ir-ragħaj għandu ______ nagħaġ. | Sinonimi (Tifsir):<br>passaġġ – mogħdija<br>folla – ġemgħa<br>vaganza – btala<br>strada – triq<br>Ġurnata – jum<br>**Kull tifsir għandu joħroġ minn kuntesti speċjalment f'taħriġ il-fehem.** | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Konsonanti** | Għajnuna biex it-tfal jiddistingwu s-simboli differenti għal xi ittri li jixxiebhu fil-ħoss.<br>a. Il-ħoss tal-konsonanti xebbieha fil-bidu ta' kelma**:** eż. ballun, pala, fardal, vapur, sapun, żarbun<br><br>c. Il-ħoss tal-konsonanti xebbieha fl-ahhar tal-kelma. eż: **b** ma' **p ;** **f** ma' **v;** **s** ma' **ż** kelb; lewż; ċerv; ħobż; ġewż; eċċ<br>**It-tleħħin għandu jsir f'kuntesti ta' taqbiliet b'ripetizzjoni, rima u ritmu** | Bħall-ewwel sena u żid:<br>a. Il-ħoss tal-konsonanti xebbieha fil-bidu tal-kelma. eż. dar, tar, ċar, ġar, gass, karta.<br><br>b. Il-ħoss tal-konsonanti xebbieha fl-aħħar tal-kelma. eż: **d** ma' **t ;** **ċ** ma' **ġ**; **g** ma' **k** ħadd; ganċ; spag; marid<br>**It-tleħħin għandu jsir f'kuntesti ta' taqbiliet b'ripetizzjoni, rima u ritmu** | Il-konsonanti xebbihin (Rotob u Qawwija): Nomi ċerv għax ċerva qbiż għax qabeż bieb għax bieba żrinġ għax żrinġa<br><br>L-użu tagħhom ikun f'sentenzi u f'kuntesti ta' qari. | Il-konsonanti xebbihin (Rotob u Qawwija): Verbi żfint għax żifen ħriġt għax ħareġ dħalt għax daħal qbiżt għax qabeż dfint għax difen ħriġt għax ħareġ sibt ġħax sibna<br><br>L-użu tagħhom ikun f'sentenzi u f'kuntesti ta'qari | Il-konsonanti xebbiħin (Rotob u Qawwija): ħo**bż** mhux ħo**ps** għax ħobża go**ds** mhux gozz għax geddes rko**bb**a għax **rikeb**<br><br>L-użu tagħhom ikun f'sentenzi u f'kuntesti ta' qari | Tagħqid ta' konsonanti f'leħen wieħed (BLENDING) fittxew, rqadt, geddset, qgħadt, ma ridtx, ma ħriġtx, eċċ<br><br>L-użu tagħhom ikun f'sentenzi u f'kuntesti ta' qari. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | L-akka u l-għajn:<br>a. Fil-bidu tal-kelma:<br>għamel, għar, għasfur, għandi, hena, heda<br><br>ċ. Fin-nofs tal-kelma.<br>deheb, fehem, sehem, qagħad, bogħod, mogħoż<br><br>d. It-tleħħin ta' l-h u l-għ fit-tarf tal-kelma<br>eż: rah, tah, rawh, tawh, sabuh, ġabuh, xebh, eċċ<br>qlugħ, driegħ, qiegħ, magħha, tagħha, magħhom, tagħhom,eċċ<br>e. L-h u l-għ muti<br>eż: bluha, xbiha, raha, rahom<br>eż: magħna, tagħna, tagħkom, għamel, qagħad. | Qamrin u Xemxin (Marbutin ma' l-artiklu)<br>il-qamar, il-ħobż, il-mejda, il-papra;<br>iċ-ċomb, id-dar, in-nar, ir-ras, is-serp, it-tieqa, ix-xemx, iz-zija, iż-żiemel | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Artiklu** | L-artiklu għandu jintgħallem f’kuntesti madwar il-ħiliet tas-smigħ, tat-taħdit u tal-qari mingħajr enfasi fuq tagħrif grammatikali. Fil-kitba jintgħallem biss fit-traskrizzjoni ma’ kliem li ma fihomx ***ie, h*** jew ***għ*** u li jkunu abbinati (a) ma’ stampi;<br><br>eż. il-kelb<br>il-kelb sufi<br>il-kelb kbir<br><br>u (b) ma’ azzjonijiet:<br>Naħsel il-kelb.<br>Nixrob il-ħalib.<br>Naqbeż il-ħabel | F’sentenzi u mhux iżolat jekk mhux f’xi tweġib.<br>a. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>__ kelb kiel __ laħam.<br>__ qattus ġie fuq __ mejda.<br>b. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>Sibt __ bieb miftuħ.<br>__ klieb ħarbu.<br>ċ. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>__ għasfur ħarab.<br>__ ors ġie ħdejna.<br>d. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>__ xemx taħraq.<br>Ġab __ siġġu.<br>Xtrajt __ żejt. | L-artiklu **l-** u **il-**<br>a. Daħħal **l-** jew **il-** fil-vojt.<br>__ kelb kiel.<br>__ kelb kiel __ ikel.<br>__qattus ġie.<br>__ qattus ġie fuq __ injama.<br>__ ors xorob.<br>__ ors xorob __ ilma.<br>b. Daħħal l-artiklu meħtieġ fil-vojt.<br>__ xemx tidher.<br>__ xemx tidher fuq __ xefaq.<br>__ tifla ħaslet.<br>__ tifla ħaslet __ dar kollha.<br>ċ. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>__ziju kiel__ ċirasa.<br>__ nanna xtrat __ żebbuġ.<br>Sibt __ xugaman fuq __ ramel.<br>**Funzjoni ta’ l-artiklu: (Sentenzi) Indeterminat għal determinat:**<br>d. Kabbar dawn is-sentenzi.<br>Kiel ġelat.<br>Kiel __ ġelat li xtaq. | L-arrtiklu **l-** wara kelma bil-vokali. (Eliżjoni):<br>a. Daħħal l-artiklu.<br>Xtrajna __ ħobż frisk.<br>Sibna __ bieb magħluq.<br>b. Daħħal l-artiklu.<br>Nimxi __ triq kollha.<br>Hi tibda __ xogħol kmieni.<br>ċ. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>__ Sibt morna __ Xemxija.<br>Rajna __ nemla u __ nemlu jġorru __ żerriegħa.<br>Ġejna __ dar biex insajru __ soppa.<br>d. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>Kif spiċċa __ talba mar jixtri __ gazzetta.<br>Sar __ ħin biex nieklu __ ħobż.<br>Sibna __ ċurkett fejn ħallejna __ karozza.<br>**L-artiklu ‘l-’** ma’ nom li jieħu l-**vokali tal-leħen**.<br>e. Daħħal l- | L-artiklu **‘il-’** ma’ ismijiet ta’ postijiet:<br>a. Daħħal l-artiklu<br>Mort __ Ħamrun.<br>__ Birgu hu post antik.<br>Wasalt __ Qala.<br>L-artiklu **‘l-’** ma’ ismijiet ta’ postijiet.<br>b. Daħħal l-artiklu<br>Wasalna __ Isla.<br>Noqgħod __ Iklin.<br>__ Għarb u __ Għasri qegħdin Għawdex.<br>**L-artiklu ‘l-’** ma’ ismijiet ta’ postijiet li jieħdu **l-vokali tal-leħen**. (Wieħed irid jisħaq li vokali tal-leħen issir ITTRA KAPITALI.)<br>ċ. Daħħal l-artiklu<br>Dħalna __ Mġarr.<br>__ Mdina hi belt siekta.<br>Waqfet __ Msida.<br>L-artiklu ma’ ismijiet ta’ postijiet li jibdew b’konsonanti xemxin:<br>d. Daħħal l-artiklu<br>Żar __ Ċirkewwa | L-artiklu ma’ partiċelli ħfief (ma’, fi, bi, ta’, eċċ) :<br>a. Daħħal il-partiċella meħtieġa.<br>Ġużi mar il-belt (ma’ + il) _____ ħbieb.<br>Il-kotba sabuhom (fi + il) _____ kaxxa.<br>Ġejt (bi + il) _____ mixi.<br>Pawlu għandu ħanut (ta’ + il) _____ kotba.<br>b. Daħħal il-partiċella meħtieġa.<br>Il-qattus tela’ (ma’ + is) _____ siġra.<br>Poġġa l-platt (fi + it) _____ tarf.<br>Għamlet torta (bi + it) _____ tin.<br>Kisser il-flixkun (ta’ + iż) _____ żejt.<br>L-artiklu ma’ partiċelli itqal (minn, bħal, għal, lil, eċċ)<br>c. Daħħal il-partiċella meħtieġa.<br>Ġew (minn + il) |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Rajt mara.<br>Rajt __ mara ta’ Pawlu.<br>Sibt ċurkett.<br>Sibt __ ċurkett li tlift. | artiklu.<br>Morna __ sptar.<br>__ skola tagħna hija kbira.<br>Daħħalt __ xkora u __ imħadda.<br>Ħsilna __ mkatar u __mħaded. | __ Rabat jinsab fil-għoli.<br>L-artiklu ma’ nomi **f’listi** ta’ oġġetti.<br>e. Daħħal l-artiklu meħtieġ.<br>Xtrajt __ karti, __ gomma, __ pitazzi u __ pinna.<br>Sibna __ ġiżirana, __ misluta, __ ċurkett u __ ċappetta. | _____ Libja.<br>Lifgħa ħarġet (minn + in) _____ nar.<br>Ħuta tajba (bħal + il) _____ lampuka m’hawnx.<br>Ġib żejt (għal + il)_____ lampier<br>Tlabt (lil + il) _____ landier) isewwi l-borma. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Verb** | Għarfien t'azzjonijiet f'movimenti tal-ġisem (lingwaġġ tal-ġisem), speċjalment waqt taqbiliet, poeżiji u kant.<br><br>Jinkitbu verbi abbinati ma' stampi.<br><br>Pawlu jiġri.<br>Anna taqbeż.<br>Nixrob il-ħalib.<br><br>Sibna qattus.<br>Qbiżt il-ħabel.<br>Morna nixtru.<br><br>Il-Kmand (TPR):<br>Ġib il-pitazz,<br>Kul il-ħobż.<br>Oħroġ it-tazza.<br>Morru ġewwa.<br>Inżlu isfel. | Għarfien t'azzjonijiet f'movimenti tal-ġisem (lingwaġġ tal-ġisem), speċjalment waqt, taqbiliet, poeżiji u kant, kif ukoll waqt ħidmiet prattiċi. Il-metodu tal-mistoqsija u tweġiba (bejn smigħ u taħdit) għandu joħroġ l-għarfien tal-verb bħala azzjoni. Jindikaw azzjonijiet fi stampi.<br><br>Jitħarrġu fil-kmand b'mod prattiku permezz tat-TPR. | Għarfien t'azzjoni (Verb fil-Preżent-Futur/Imperfett):<br>a. Ħożż sing taħt il-verb.<br>Marija taqra ħafna.<br>Il-qattus jixrob il-ħalib.<br>It-tfal jiġru fit-triq.<br>Ommi taħsel il-ħwejjeġ.<br>Funzjoni t'azzjoni (Verb fil-Preżent-Futur/Imperfett):<br>b. Żid il-verb fil-Preżent.<br>Aħna _____ fil-pitazz.<br>It-tfal _____ il-kotba.<br>Il-qattus _____ il-ħalib.<br>Verbi Trilitteri Sħaħ (KvKvK)<br>ċ. Ħożż sing taħt il-kelma t-tajba.<br>Elsa (jikteb, tikteb, nikteb) kelma.<br>Pawlu (torqod, jorqod, norqod) kmieni.<br>It-tfal (naqraw, taqraw, jaqraw) il-kotba.<br>d. Daħħal dawn | Għarfien t'azzjoni (Verb Trilitteri Sħaħ fil-Perfett/Passat, esklużi l-verbi bl-***għ*** u bl-***h*** ):<br>a. Ħożż sing taħt il-verbi.<br>It-tfal kitbu l-ittri.<br>Il-bniet ħaslu l-platti.<br>Ir-raġel rikeb ir-rota.<br>Il-klieb ħarġu barra.<br>Funzjoni t'azzjoni (Verb fil-Perfett)<br>b. Żid il-verb fil-Passat.<br>Il-kokka _____ serp.<br>Pawlu _____ barra.<br>Ommi _____ il-bieb.<br>Aħna _____ isfel.<br>Verbi Trilitteri Sħaħ (KvKvK)<br>ċ. Ħożż sing taħt il-kelma t-tajba.<br>Ġanni (seraq, kiser, talab) idu.<br>Oħti (ferqet, qatlet, naxret) il-ħwejjeġ.<br>d. Daħħal dawn il-verbi fil-vojt.<br>rebħu,qadfu, | Il-Mamma u l-Għerq (Verbi Trilitteri Sħaħ [KvKvK], esklużi l-verbi bl-**għ** u bl-**h**):<br>barxet minn barax = b-r-x;<br>qasmu minn qasam = q-s-m;<br>weħilt minn weħel = w-ħ-l<br>Il-Mamma u l-Għerq (Verbi Kwadrilitteri [KvKKvK])<br>legligt minn legleg = l-g-l-g<br>gergru minn gerger = g-r-g-r<br>gerfxet minn gerfex = g-r-f-x<br><br>**M'għandu qatt wieħed iħallat it-tieni forma tal-verbi trilitteri mal-verbi kwadrilitteri.**<br><br>L-Imperattiv jew Kmand tal-verbi Trilitteri Sħaħ;<br>ħasel:<br>aħsel, aħslu<br>fetaħ<br>iftaħ, iftħu<br>**(inkluża l-vokali** | Il-Mamma u l-Għerq (Verbi Trilitteri Sħaħ inklużi dawk bl-**għ** u bl-**h** fil-bidu, fin-nofs u fit-tarf; il-verbi Dgħajfin; il-verbi Kwadrilitteri):<br>għamlu minn għamel = għ-m-l<br>qagħdet minn qagħad = q-għ-d<br>lqajtu minn laqa' = l-q-għ<br>dehret minn deher = d-h-r<br>fhimna minn fehem = f-h-m<br>hemżu minn hemeż = h-m-ż<br>lwiet minn lewa(j) = l-w-j<br>ġrejna minn ġera(j) = ġ-r-j<br>qomt minn qam = q-j-m<br>damet minn dam = d-w-m<br>bisna minn bies = b-w-s<br>waslu minn wasal = w-s-l<br>waqgħet minn waqa' = w-q-għ<br>ħarbatna minn ħarbat = ħ-r-b-t<br>werwirt minn |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | il-verbi fil-vojt.<br>taħsel, jaħdem, naħsel, jaqsmu.<br>It-tfal _____ t-triq mal-pulizija.<br>Missieri _____ it-Tarzna.<br>Jiena _____ snieni kuljum.<br>Ommi _____ il-ħwejjeġ.<br>**Għarfien t'azzjoni/jiet fil-passat f'kuntesti ta' smigħ, taħdit u qari.** | feraħ, waslet,<br>Id-dgħajsa l-ħamra _____ l-ewwel fit-riġrija.<br>Il-qaddiefa _____ bis-saħħa u _____ l-midalji u t-tazzi.<br>Kulħadd _____ bis-suċċess.<br>e. Ikteb fil-Perfett (Passat).<br>Jiena norqod kmieni.<br>Pawlu jikteb ittra.<br>f. Ikteb il-Preżent/Futur Imperfett.<br>Jiena ġbidt il-ħabel.<br>Ħija qasam it-triq.<br>***Il-Mamma u l-Għerq:***Verbi Trilitteri Sħah (KvKvK) kif spjegat fuq.<br>daħal = d-ħ-l<br>seraq = s-r-q<br>setaħ = f-t-ħ<br>ġ. Ikteb il-verb fil-Preżent mill-Mamma.<br>Pawlu (raqad) kmieni kuljum.<br>It-tfal (kiteb) l-ħin kollu.<br>Ommi (naxar) il-ħwejjeġ.<br>g. Ikteb il verb fil-Passat mill- | **tal-leħen)**<br>feraħ:<br>ifraħ, ifi**i**rħu<br>barax:<br>obrox, ob**o**rxu<br>L-Imperattiv tal-verbi Kwadrilitteri;<br>gerfex:<br>gerfex, gerfxu<br>legleg:<br>legleg, leg**i**lgu<br><br>Familjarità ma' Imperattivi ta' verbi bl-**għ** u bl-**h** bla konjugazzjoni;<br><br>Il-Preżent-Futur/Imperfett tal-verbi Trilitteri Sħaħ;<br><br>Il-Perfett/Passat tal-verbi Trilitteri Sħaħ;<br><br>Għandhom jingħataw taħriġiet varjati fejn l-għarfien u l-użu tal-verb fit-tempi tagħhom ikunu f'kuntesti varji (Ara l-eżempji għar-Raba' Sena biex tibni fuqhom.) | werwer = w-r-w-r<br><br>L-Imperattiv, il-Preżent-Futur u l-Perfett/Passat tal-verbi Trilitteri Sħaħ u Dgħajfin u tal-verbi Kwadrilitteri.<br><br>Għandhom jingħataw taħriġiet f'kuntesti varjati fejn l-istudenti jitlaqqgħu ma' okkażjonijiet fejn ikunu jistgħu jagħrfu b'mod prattiku r-regoli mgħallma. (Ara l-eżempji għar-Raba' Sena biex tibni fuqhom.) |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Mamma.<br>Aħna (telaq) kmieni.<br>Ilbieraħ jiena (ħareġ) tard.<br>ħ. Ikteb il-verb fil-Preżent mill-Għerq.<br>Pawlu (t-l-f) il-flus.<br>Aħna (r-s-q) fil-qrib.<br>h. Ikteb il-verb fil-Passat mill-Għerq.<br>Fis-Sajf (x-r-b) ħafna luminati.<br>Jiena (s-l-f) il-ktieb lil Pawlu. | | |
| | | | | | In-Negattiv tal-verbi Trilitteri Sħaħ (bħal tar-Raba' Sena) u tal-verbi Kwadrilitteri:<br>L-Imperattiv:<br>karkar – tkarkarx, tkarkrux<br>legleg – tlegligx, tlegilgux<br>a. Poġġi dawn is-sentenzi fin-Negattiv.<br>Legleg kemm tiflaħ.<br>Tlegligx kemm tiflaħ..<br><br>Il-Preżent- | In-Negattiv tal-verbi Trilitteri Sħah inklużi dawk bl-**għ** u bl-**h** fil-bidu, fin-nofs u fit-tarf; il-verbi Dgħajfin; il-verbi Kwadrilitteri:<br>Għandha ssir enfasi fuq verbi bħal:<br>waqa' – ma waqax<br>laqa' – ma laqax<br>ġera – ma ġeriex<br>lewa – ma lewiex<br>riedu – ma ridux<br>fiequ – ma fiqux<br>kielet – ma kilitx<br>mietet – ma mititx<br><br>It-taħriġiet |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Futur/Imperfett:<br>b. Poġġi dawn is-sentenzi fin-Negattiv.<br>Jiena nwerwer lit-tfal.<br>Jiena ma nwerwirx lit-tfal.<br>Dal-pjanti jxabilku.<br>Dal-pjanti ma jxabilkux.<br><br>Il-Perfett/Passat<br>Ommi gergr**e**t.<br>Ommi ma gergr**i**tx.<br>Aħna gerfixna l-karti.<br>Aħna ma gerfixn**ie**x | għandhom ikunu f'kuntesti. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Aġġettiv** | Għarfien bil-paraguni waqt smigħ u taħdit: twil/a – qasir/a kbir/a – żgħir/a eċċ.fejn ssir mima u lingwaġġ tal-ġisem.<br>Il-Kuluri meħudin kemm mill-ambjent naturali, mill-ambjent uman; Jimlew tpinġijiet b'kuluri differenti, anke bi gwida. | Għarfien:<br>a. Ħożż sing taħt l-aġġettiv.<br>triq twila;<br>kelb sufi;<br>kaxxa tqila;<br>sema ċar;<br>baħar kalm;<br><br>Funzjoni:<br>b. Daħħal aġġettiv fil-vojt.<br>Il-bir huwa_____.<br>Ix-xemx hija _____.<br>Id-dudu huwa _____.<br>Funzjoni:<br>ċ. Ikteb il-maqlub ta':<br>mara qasira – mara _____<br>sema ċar – sema _____<br>raġel oħxon – raġel _____ | Għarfien: Itqal minn tat-Tieni Sena:<br>a. Ħożż sing taħt l-aġġettiv:<br>kompjuter modern<br>dar antika<br>muntanja għolja<br>ktieb interessanti.<br><br>Funzjoni:<br>b. Daħħal aġġettiv fil-vojt.<br>Dan tifel _____.<br>Din siġra _____.<br>Rajna film _____.<br><br>Għadd:<br>ċ. Agħti l-plural ta':<br>It-triq dejqa.<br>It-toroq _____.<br>Id-dar kbira.<br>Id-djar _____.<br>Tifel bieżel.<br>Tfal _____. | Għadd:<br>a. Ikteb il-plural tal-kelma fil-parentesi.<br>Aħna tfal _____ (Mellieħi).<br>Dawn it-toroq _____ (dejjaq).<br>Dawk nisa _____ (ħawtiel).<br>Dik it-tifla _____ (oħxon) wisq.<br><br>b. Agħti l-maqlub ta':<br>It-triq twila.<br>It-toroq _____.<br>Il-mara rqiqa.<br>Il-mara _____.<br>Ngħum fil-fond.<br>Ngħum fil-_____. | Għadd: Eżempji itqal (anke minn partiċipji attivi u passivi) bħal:<br><br>a. Oħroġ aġġettiv mill-verb.<br>Dawn werqiet _____ (nixef).<br>Dak it-tifel _____ (raqad).<br>Għandu wiċċu _____ (giref).<br>Dawn il-frottiet _____ (gidem).<br><br>b. Agħti l-maqlub ta':<br>Dan id-drapp huwa rħis.<br>Dan id-drapp | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Dawn kotba ġodda.<br>Dawn kotba _____. | huwa _____.<br>Il-banana misjura.<br>Il-banana _____.<br>It-temp hu sabiħ.<br>It-temp hu _____. | |
| | | | | | Il-Gradi ta’ l-Aġġettiv:<br>Komparattiv (ħafif)<br>kbir/a – akbar<br>qasira – iqsar<br>twil/a – itwal<br><br>Daħħal il-komparattiv fil-vojt.<br>Għandi riga twila, imma tiegHek hi _____.<br>Il-pjazza tal-knisja hi kbira, imma dik tal-każin hija _____.<br><br>Superlattiv (ħafif):<br>twil-itwal-l-itwal<br>ħafif-eħfef-l-eħfef<br><br>Poġġi kelma waħda flok dawk fil-parentesi.<br>It-triq tagħna hija _____ (l-aktar twila) fir-raħal.<br>Din il-mistura hi _____ (l-aktar ħażina) waħda li | Il-Gradi ta’ l-Aġġettiv:<br>Komparattiv<br>Din id-dar kbira imma din hi akbar.<br>Id-drapp tal-ġlekk hu fin imma tal-qalziet hu ifjen.<br><br>Agħti kelma waħda flok il-kliem fil-parentesi.<br>Il-pilloli kienu ħżiena imma l-mistura kienet _____ (iktar ħażina).<br>Id-dar tagħna hi għolja iżda tagħkom hi _____ (aktar għolja).<br><br>Is-Superlattiv:<br>Id-dar tagħna hi akbar minn tagħkom.<br>Id-dar tas-surmast hi l-akbar waħda.<br>Din l-ixkora basal tqila, imma dik tas-siment hi itqal.<br><br>Agħti kelma waħda |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | xrobt. | flok il-kliem fil-parentesi.<br>(l-aktar żgħira) _____ tifla hija Marika.<br>Xtrajna _____ (l-aktar sabiħ) drapp. |
| | | | Il-Ġens: Għarfien<br>kbir – kbira<br>twil – twila<br>oħxon – ħoxna<br>baxx – baxxa<br>għoli – għolja<br>Dan l-għarfien għandu jidħol f'tagħlim f'kuntetsi ta' smigħ u ta' taħdit, speċjalment f'paraguni. | Il-Ġens: sentenzi<br>a. Agħti l-femminil ta'.<br>Il-kelb hu oħxon.<br>Il-kelba hi _____.<br>Dak raġel twil.<br>Dik mara _____.<br>Il-qattus hu ħafif.<br>Il-qattusa hi ____<br><br>b. Imla l-vojt bil-femminil tal-kelma b'sing taħtha.<br>Iż-żiemel l-abjad ħarab.<br>Id-debba l-_____ ħarbet.<br>Dak tifel bieżel.<br>Dik tifla _____.<br>Dak saħħar kattiv.<br>Dik saħħara ____. | | |
| | | | | | Aġġettiv man-nom bħala parti mis-superlattiv relattiv.<br>Kompli b'aġġettiv.<br>Il-ħobż kien _____ għuda.<br>Dak il-ġuvni _____ injama. | Aġġettiv man-nom bħala parti mis-superlattiv relattiv.<br>(Itqal minn tal-Ħames Sena)<br>a. Kompli b'aġġettiv.<br>Ix-xiħ kellu dahru _____ ganċ.<br>Wiċċu kien _____ |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Għandu xagħru _____ tuta.<br>Bil-biża’ sar _____ ħaxix. | lellux wara l-marda.<br>Id-dar tagħha kienet _____ tazza.<br>Aġġettiv man-nom f’idjomi.<br>b. Daħħal l-aġġettiv li hu nieqes fl-idjoma.<br>Ma tantx tieħu tagħrif mingħandu għax għandu fommu ______.<br>Tant għandu qalbu ______ li kull ma jkollu jagħtih.<br>Tidher li jdejha _____ għax ma tantx tħobb tonfoq. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Pronomi** | Għarfien tal-Pronomi Personali:<br>Jien/a tifel<br>Int/i tifla<br>Aħna tfal<br>(Tweġib għall-mistoqsija Min?Min inti? Min aħna? f'kuntesti ta' smigħ u taħdit)<br>Jiena norqod<br>Inti tpinġi<br>Aħna nixorbu<br>(F'kuntesti ta' smigħ u taħdit) | Għarfien: tal-Pronomi Personali:<br>Jien/a Aħna<br>Int/i Intom<br>Hu/wa Huma<br>Hi/ja Huma<br>(Tweġib għall-mistoqsijiet X'tagħmel? X'tagħmlu? X'jagħmel? eċċ f'kuntesti ta' smigħ u taħdit)<br>X'tagħmel inti qabel torqod?<br>Jiena nitlob/ninħasel.<br>X'tagħmlu kuljum l-iskola?<br>Aħna niktbu/naqraw eċċ. | Għarfien tal-pronomi personal f'sentenzi:<br>a. Ħożż sing taħt il-pronomi.<br>Jiena noħroġ barra.<br>Hija sejra tixtri.<br>Aħna norqdu kmieni.<br>Pawlu u int ġejtu l-ewwel.<br>Ħija u jien qrajna kollox.<br><br>b. Poġġi pronom flok il-kliem b'sing taħtha.<br>Pawlu ħareġ barra.<br>Ommi marret tixtri.<br>It-tfal qegħdin jaqraw.<br>Ġanni u jien sibna ċurkett. | Għarfien tal-pronomi mehmużin man-nom f'kuntesti ta' qari u smigħ | Il-pronomi mehmużin man-nom:<br>a. Poġġi kelma waħda minflok dawk fil-parentesi.<br>Dino qasam ____ (ir-ras tiegħu).<br>Marta rat ____ (id-dar tagħha) tinħaraq.<br>It-tfal fittxew lil ____ (omm tagħhom).<br><br>b. Poġġi kelma waħda minflok dawk fil-parentesi.<br>____ (il-ġisem tagħna) għandu bżonn l-eżerċizzju.<br>Marija weġġgħet ____ (id-dahar tagħha).<br>Pronomi mehmużin mal-partiċelli.<br>fuqi, fuqek, fuqu, fuqha, eċċ.<br>fija, fik, fih, fiha, fina, eċċ<br>ħdejja, ħdejk, ħdejh, ħdejha, eċċ | Il-pronomi diretti mehmużin mal-verb.<br>a. Għaqqad il-kliem b'sing taħthom billi tehmeż il-pronom mal-verb.<br>Sab lili ħdejh.<br>Sema' lilek nieżel.<br>Ħadet lilha magħha.<br>Raw lilna naħdmu.<br><br>Inkludi ukoll in-negattiv.<br>b. Aqleb dawn is-sentenzi għan-negattiv.<br>Pawlu rani l-iskola.<br>It-tfal tawna rigal.<br>Marija kilitha.<br>Ġanni tana nieklu.<br><br>ċ. Minflok il-kliem b'sing taħthom ikteb kelma waħda.<br>Toni ma sabx lili d-dar.<br>Anna ma tatx il-kotba lilna.<br>Huma ma semgħux lilna deħlin. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | miegħi, miegħek, miegħu, eċċ<br>Dawn għandhom jingħataw f'kuntesti ta' taħriġiet **CLOZE**.<br><br>Fil-vojt daħħal il-partiċelli meħtieġa.<br>It-tifel waqqa' l-brodu______ u samat idu. Ommu marret _____ għand it-tabib. | |
| | Għarfien tal-pronomi dimostrattivi: Dawn għandhom jagħmlu parti minn kuntesti fi djalogi u jkunu kompatibbli ukoll fi tweġib għall-mistoqsijiet: Dan/Dak xinhu? Dan/Dak min hu? Din/Dik xinhi? Din/Dik min hi? Dawn/Dawk xinhuma? Dawn/Dawk min huma?<br>L-istudenti għandhom jindikaw | Għarfien tal-pronomi dimostrattivi: Dawn għandhom jagħmlu parti minn kuntesti fi djalogi u jkunu kompatibbli ukoll fi tweġib għall-mistoqsijiet:Dan/Dak xinhu? Dan/Dak min hu? Din/Dik xinhi? Din/Dik min hi? Dawn/Dawk xinhuma? Dawn/Dawk min huma?<br>L-istudenti għandhom jindikaw b'subgħajhom waqt taħdit biex juru li jagħrfu l- | Għarfien tal-pronomi dimostrattivi: Dawn għandhom jagħmlu parti minn kuntesti fi djalogi u jkunu kompatibbli ukoll fi tweġib għall-mistoqsijiet:Dan/Dak xinhu? Dan/Dak min hu? Din/Dik xinhi? Din/Dik min hi? Dawn/Dawk xinhuma? Dawn/Dawk min huma?<br>L-istudenti għandhom jindikaw b'subgħajhom waqt taħdit biex juru li jagħrfu l- | Il-pronomi dimostrattivi f'sentenzi u/jew f'kuntest.<br>Bil-blalen f'idu, is-surmast beda jispjega lit-tfal: "_____ il-blalen ġabuhom il-ġirien. _____ l-abjad mifqugħ u _____ it-tnejn ħomor tajbin għal-logħob."<br>Ommi qaltli, "Itla' fuq il-bejt u aqla' _____ il-ħwejjeġ. Magħhom hemm _____ il-qmis ħamra u _____ il-qalziet aħdar. _____ trid tilbishom il-lejla." | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | b’subgħajhom waqt taħdit biex juru li jagħrfu l-użu. | użu. | użu. | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **In-Numri** | In-numri kardinali mill-1 sal-10 għall-għarfien ta' l-għadd u f'kuntesti ta' smigħ, taħdit u kitba ta' figuri biss kif suġġerit fis-sillabu tal-matematika. Għandhom jiġu introdotti ukoll in-numri ordinali: l-ewwel, it-tieni, it-tielet, eċċ (fid-diskrezjoni ta' l-għalliema) Biex it-tfal stess jagħrfu ordni, per eżempju f'riżultat ta' tellieqa, konkors. | In-numri kardinali mill-1 sal-10: Wieħed/waħda. tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja, disgħa, għaxra.<br><br>Ikteb kliem flok numri.<br>Sibt (1) ______ bħal tiegħek.<br>Konna (2) ______ nistennew il-karozza.<br>Wasalt id-dar fit-_____ (3).<br><br>In-numri (figuri) għandhom jingħataw f'kuntesti ta' ħin u ta' dati ukoll.<br><br>In-numri ordinali: l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames għandhom jitwasslu f'kuntesti ta' smigħ u taħdit. | In-numri kardinali mill-1 sal-20: (attenzjoni għal erbgħa u erbatax, sebgħa u sbatax, disgħa u dsatax)<br><br>In-numri għandhom jingħataw f'kuntesti ta' ħin, ta' dati u ta' parti minn indirizzi ukoll.<br><br>In-numri ordinali mill-ewwel sal-għaxra (mingħajr l-inklużjoni tal-kelma wieħed/waħda.)<br><br>Ikteb kliem flok numri.<br>Ġejt _______ (1) fit-tellieqa.<br>Kont _______ (2) fil-filliera.<br>_______ (4) giet Marija.<br>Ħadna ______ (3) premju. | In-numri kardinali sal-100: (attenzjoni għal erbgħin, sebgħin, disgħin)<br>Ir-regola ta': ħamsa, ħames (ħamest tintuża biss f'kuntesti ta' smigħ u taħdit):<br><br>a.Ikteb kliem flok numri.<br>Ġew _____ (3) minn _____ (10).<br>_____ (7) u _____ (6) jġibu _____ (13).<br>Minn _____ (20) tnaqqas _____ (9) jibqa' _____ (11).<br><br>b.Ikteb kliem flok numri.<br><br>Kielet _____ (2) tuffiħat.<br>Rajt _____ (5) gamimiet.<br>Sibna _____ (4) kotba ġodda.<br>Kien hemm _____ (11) tajra.<br><br>In-numri ordinali mill-ewwel sal-għaxra (għaxar) u bl-użu tal-kelma | In-numri kardinali sal-1000: Għandha ssir enfasi fuq qari u kitba ta' ħin u ta' dati.<br><br>In-numri ordinali: (Mingħajr esaġerazzjoni wieħed għandu jibni fuq ix-xogħol tal-ħames sena.) | In-numri kardinali (bit-**T marbuta u bil-vokali tal-leħen meta n-nom ikun b'sillaba waħda: Eċċezzjonijiet: snin, xhur, Lhud);**<br><br>**Attenzjoni għal 4, 7 u 9 fejn bit-T marbuta jinkitbu mingħajr għ;**<br><br>a. Daħħal kliem flok in-numri.<br>Kien hemm (5) tfal fuq il-bank.<br>Ġew (9) jiem ilu.<br>Għandu (7) tfal.<br>Il-qattusa kellha (4) frieħ.<br><br>Minn 11 sa 19 fejn tidħol il-partiċella il u s-sing;<br><br>Kellha (11) sena meta giet magħna.<br>(19) sena ilu ġrat traġedja.<br>Kien hemm (15) ruħ mejta.<br><br><br><br>Deċimali:<br>5 · 23 = ħamsa punt |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | wieħed/waħda warajhom.<br><br>ċ. Daħħal kliem flok in-numri.<br>Wasalt ______ (1) wieħed/waħda.<br>Konna fl-_____ (10) post.<br>Ġejt _____ (3) wieħed/waħda fit-tiġrija. | | tnejn tlieta.<br>2 · 06 = tnejn punt zero sitta. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Pariċelli** | | Għarfien tal-partiċelli ma', ta' sa, tal-, mal-, sal-f'kuntesti biss. | Il-Partiċelli Magħżulin (waħidhom): bi, fi, ma', ta', sa, xi;<br>a. Imla l-vojt b'waħda mill-partiċelli t'hawn fuq.<br>Mort l-iskola ___ Marija.<br>Dan il-ktieb ___ ħuk.<br>Mort ___ Bormla.<br>Sibt ___ kotba mqattgħin.<br><br>Il-partiċelli bi, fi, ma', ta', sa, xi magħqudin ma' l-artiklu;<br>b. Daħħal il-partiċella meħtieġa.<br>Rajt film ____ biża.<br>Morna ____ Belt ____ xarabank.<br>____ kaxxa sibt il-ktieb ____ ziju. | Il-Partiċelli Magħżulin (waħidhom): lil, minn, bħal, għal;<br>a. Imla l-vojt b'waħda mill-partiċelli t'hawn fuq.<br>Il-ħobż tajtu ____ ommi.<br>_____ Franza ____ Malta tieħu jumejn bil-baħar.<br>Dan il-flokk ____ tiegħek.<br><br>Il-partiċelli lil, minn, bħal, għal magħqudin ma' l-artiklu;<br>b. Daħħal il-partiċella meħtieġa.<br>Mort _____ ħalib għand tal-merċa.<br>_____ ewwel rajt li ma jiflaħx.<br>Temgħet ____ kelb qabel ħarġet.<br>Dun Karm għamel ġieħ ___ Malta u ___ Maltin.<br>(Għalkemm għandha tinsaħaq ir-regola mibnija fuq **ta'** jew **tal-**, l-eċċezzjonijiet | Partiċelli magħqudin m'oħrajn: għalhekk, sabiex, dalwaqt, għaliex, mingħand, mingħajr, bilkemm, eċċ<br><br>Imla l-vojt b'waħda mill-partiċelli t'hawn fuq.<br><br>Morna l-qorti ____ nieħdu parir.<br>L-ikel ____ isir.<br>Xtrajt il-pilloli ____ l-ispiżjar.<br><br>Taqsir tal-Partiċelli Magħżulin:<br>Eżempji:<br>ma' ommi = m'ommi<br>ta' oħti = t'oħti<br>sa issa = s'issa | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | jibqgħu għas-Sitt Sena: Ara l-artiklu mal-partiċelli.) | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Punteġġja-tura** | L-użu ta': ittri żgħar, ittri kbar (fil-bidu t'ismijiet u ta' sentenzi; il-*full stop)* | L-użu ta': ittri żgħar, ittri kbar (fil-bidu t'ismijiet u ta' sentenzi; il-*full stop?* | L-użu ta': ittri żgħar, ittri kbar (fil-bidu t'ismijiet u ta' sentenzi; il-*full stop)* u s-simbolu tal-mistoqsija (?). | L-użu tal-, (virgola), u tal-? (simbolu tal-mistoqsija) | L-użu tal-! (punt t'esklamazzjoni) u tal-"  " (marki tad-diskors) | L-użu tal-**BULLETS**<br>·<br>. |
| **Sintassi** | Binja sintattika skond il-livell; | Binja sintattika skond il-livell; | Binja sintattika skond il-livell; | Binja sintattika skond il-livell; | Binja sintattika skond il-livell; | Diskors Dirett:<br>Pawlu qal, "Sejjer nixtri."<br>"Min ġie?" staqsiet ommi kif semgħet il-qanpiena.<br>"It-tfal kielu kollox," qalet iz-zija.<br>"Mur aqdini," talbitni n-nanna.<br><br>Diskors Indirett:<br>Pawlu qal li kien sejjer jixtri.<br>Kif semgħet il-qanpiena ommi staqsiet min kien ġie.<br>Iz-zija qalet li t-tfal kienu kielu kollox.<br>In-nanna talbitni biex immur naqdiha. |

| | | |
|---|---|---|
| **Sentenzi** | **It-taħriġ grammatikali m'għandux isir f'eżerċizzji ikkontrollati iżda f'kuntesti ta' sentenzi li jagħmlu s-sens u marbutin ma' xi tema paritkolari.** | **Ara l-ħiliet għal kull sena.** |
| **Grammatika f'Kuntest** | **Kull taħriġ grammatikali jrid ikun f'kuntest li jagħmel sens u li jiġbed l-attenzjoni tat-tfal. Għal dan il-għan kull taħriġ grammatikali għandu jsir permezz ta' kitbiet varji fil-forma ta' testi għal taħriġ il-fehem b'sitwazzjonijiet reali maħluqin jew addattati għalihom. It-tagħlim tal-grammatika b'hekk biss jagħmel sens.** | **Ara ħiliet għal kull sena.** |
| **Idjomi u Qwiel** | **Ma nistgħu qatt inwasslu l-aspett proverbjali u idjomatiku b'tagħlim ta' listi li l-istudent għandu jiftakar bl-amment. Dan l-aspett jista' jissaħħaħ biss b'eżempji mill-ħajja ta' kuljum u għalhekk għandu joħroġ minn kuntesti ta' kitbiet personali, immaġinattivi, informattivi u tematiċi, ibbażati fuq għejdut mill-esperjenzi individwali.** | |
| **NOTA** | **L-eżempji f'dan is-sillabu qegħdin biss bħala kampjuni. Wieħed għandu jżid ħafna u ħafna oħrajn skond il-livelli u l-gosti ta' it-tfal.** | |

# LEVEL DESCRIPTORS

Dawn il-level descriptors huma għodda bżonnjuża illi jservu ta' gwida għal għanijiet ta' assessjar. Studenti, genituri kif ukoll għalliema jsibuhom ta' bżonn għaliex permezz tagħhom jsiru jafu jekk sarx progress jew le.

Fil-Livell Primarju l-biċċa l-kbira ta' l-istudenti huma mistennija illi jaħdmu Livelli 1 sa 5. Livell 4 huwa mistenni li jiġi milħuq meta l-istudenti jkunu fil-Ħames klassi tal-Primarja.

**L-ewwel livell (Snin 1/2)**

Jisimgħu, iwieġbu u jistaqsu mistoqsijiet semplici u diretti dwarhom infushom u d-dinja ta' madwarhom. Jaqraw kliem sempliċi f'kuntesti differenti u varji. Jiktbu kliem f'kuntesti ta' sentenzi sempliċi, filwaqt li juru ħakma tat-teknika tal-kitba.

**It-tieni livell (Snin 2/3)**

Jisimgħu, iwieġbu u jistaqsu mistoqsijiet sempliċi li permezz tagħhom juru li għandhom għarfien dwarhom infushom u d-dinja ta' madwarhom. Jaqraw sentenzi sempliċi li jixhdu li għandhom ħakma tal-vokabularju, sintasi, ortografija u grammatika ewlenija.

**It-tielet livell (Snin 3/4)**

Jisimgħu, iwieġbu u jistaqsu mistoqsijeit sempliċi dwar suġġetti li jmorru lil hinn mid-dinja immedjata tagħhom. Jaqraw sentenzi, stejjer u testi oħra b'temi li jagħmlu parti mid-dinja konkreta u mistħajla tagħhom bi ftit li xejn għajnuna. Jiktbu sentenzi sempliċi li jingħaqdu ma' xulxin b'mod u manjiera li juru li kapaċi jsenslu u jorbtu kliem ma' xulxin biex joħolqu test unit.

**Ir-raba' livell (Snin 4/5)**

Jisimgħu, iwieġbu u jistaqsu mistoqsijiet dwar suġġetti li jmorru lil hinn mid-dinja immedjata ta' madwarhom filwaqt li juru li għandhom il-ħila li kapaċi jisiltu tagħrif u nebħ li mhuwiex b'mod dirett. Jaqraw testi dwar ġeneri differenti li jmorru lil hinn mil-livell tat-tifsira kelma b'kelma u jiktbu sentenzi bl-użu effettiv ta' kliem u frażijiet li jorbtu ma' xulxin b'mod unit. Il-kitba turi żvilupp fil-mod kif jesprimu l-ħsebijiet u l-emozzjonijiet tagħhom.

**Il-ħames livell (Snin 5/+)**

Jisimgħu, iwieġbu u jistaqsu mistoqsijiet dwar suġġetti varji filwaqt li juru interess f'dak li jingħad minn ħaddieħor b'tali mod u manjiera li jinħoloq djalogu kulturalment validu. Jaqraw testi sħaħ li jkun fihom ideat u linji ta' ħsieb diretti daqskemm indiretti. Jiktbu ġemgħat ta' sentenzi li jingħaqdu b'elementi għaqqieda f'paragrafi u unitajiet oħra b'tali mod u manjiera li juru li qegħdin jaħkmu stil u jsawru viżjoni.